# It-Tarznari f'Malta matul is-Snin Ħarsa lejn id-Dimensjoni Urbana Tagħhom

Simon Mercieca

Il-pożizzjoni ġeografika tal-Gżejjer Maltin f'nofs il-baħar Mediterran kienet fattur importanti fl-iżvilupp politiku, soċjali, kulturali u ekonomiku ta' dawn il-gżejjer. Id-distanza ġeografika ta' 93 kilometru 'l bogħod minn Sqallija u 290 kilometru 'l bogħod mill-kosta Tuneżina wasslet biex l-art ta' Malta li ma fihiex aktar minn 316 kilometru kwadru, ikollha sehem bis-sħiħ fil-ġrajjiet politiċi li seħħew fiċ-ċentru tal-Mediterran matul is-sekli.

Il-baħar jista' jitqies bħala l-mutur wara dan l-iżvilupp, il-mezz li permezz tiegħu Malta kienet qed tingħaqad kemm mal-kontinent Affrikan kif ukoll ma' dak Ewropew. Għalhekk, mhix ħaġa ta' l-iskantament li f'wieħed mis-siti arkeoloġiċi Maltin, dak tat-tempji ta' Ħal Tarxien li jmur lura lejn 3000–2500 Q.K., instabu numru ta' graffiti ta' qxur tal-baħar. Waqt li jeżisti tagħrif dwar il-mezzi ta' trasport użati matul is-sekli differenti għall-perjodu Feniċju, Kartaġiniż, Ruman, Biżantin u Għarbi, ma għandna l-ebda informazzjoni jekk dawn il-popli, li matul il-medda ta' snin ħakmu lil Malta, kinux ukoll jibnu x-xwieni jew id-dgħajjes tagħhom f'dawn il-gżejjer.

## It-Tarzna fiż-Żmien Nofsani

L-ewwel informazzjoni li għandna dwar l-eżistenza ta' xi forma ta' tarzna tmur lura sas-seklu erbatax. Nafu minn dokumentazzjoni medjevali li fil-port ta' Malta, f'post li jissejjaħ il-Birgu, kien hemm "tarsena". Id-dokumenti li baqa' minn dak iż-żmien jitkellmu dwar tiswijiet li seħħew fl-1501 u fl-1502 fil-bini ta' din it-tarzna. Hekk nafu li fl-1501 kien tqatta' xi ġebel minn dan il-post waqt li fl-istess sena tqabbdu xi ħaddieda biex jagħmlu ċappetti jew guffuni tal-ħadid għall-bieb li kien jagħlaq dan il-post. L-istess bieb jidher li kellu bżonn jerġa' jissewwa fl-1502. Biss id-dokumenti ma jitkellmu xejn dwar fejn eżattament kien jinsab dan il-post ġewwa fil-Birgu, u lanqas għandna ħjiel meta nbniet din it-tarzna. Iżda minn referenzi oħra nafu li fil-Birgu ġa kien hemm xi forma ta' tarzna fis-sena 1374. Il-preżenza tagħha terġa' tissemma' fl-1478 u tagħtik x'taħseb li fil-Birgu l-preżenza ta' tarzna jew *arsenale* kienet waħda kontinwa. Wieħed jista'

ċertament jikkonkludi li dan il-post kien jinsab fuq il-moll tal-Birgu, magħruf aħjar bħala l-moll ta' San Lawrenz għall-knisja li kien hemm tagħti għal fuqu. Iżda fejn kien eżatt dan il-post għadu enigma sal-lum. Id-dokumenti li jitkellmu dwar ix-xogħol li kien sar fuq il-bieb tat-tarzna jiddeskrivu wkoll xogħol ieħor li kien sar fuq il-kastell li hemm fil-ponta tal-Birgu u li kien propjetà tal-Kastellan. Dan iwassal biex wieħed jaħseb li t-tarzna kienet taqa' direttament taħt il-kastellan u kienet tinsab xi mkien fix-xatt, li kien viċin ħafna tal-kastell jekk mhux ukoll taħtu.

Hemm min jaħseb li t-tarzna medjevali kienet tinsab ħdejn it-*tagliata* jew il-foss li kien jifred lill-kastell mill-bqija tal-Birgu. Dan il-foss, li għadu jeżisti sal-lum, għandu fond li saħansitra jippermetti li jidħol fih l-ilma tal-baħar. Din it-tarzna medjovali setgħet kienet eżattament ħdejn it-*tagliata*, fil-post fejn sa ftit ilu kien għadu jidher maħżen bil-faċċata nofsha mwaqqgħa. Ta' din l-idea kien C. Zabarella li jinsisti li fid-deċennju ta' l-1530 it-tarzna kienet fiż-żona l-aktar viċin il-foss tal-kastell ta' Sant'Anġlu. Dan il-fatt jista' jkompli jissaħħaħ minn analiżi urban ta' din iż-żona. Nafu li fil-medju evu t-tarznari kienu jinbnew għall-irdoss tas-swar tal-belt jew taħt il-ħarsien ta' xi kastell. Fil-każ tal-Birgu, peress li s-subborg fil-medju evu ma kienx wieħed iffortifikat, it-tarzna setgħet tinbena biss għall-irdoss tal-kastell. Fuq kollox, minħabba raġunijiet ta' strateġija, l-ispazju ta' quddiem il-kastell ħafna drabi kien jitħalla liberu, u l-bini kien jinbena numru ta' metri 'l bogħod. Din l-istrateġija kienet rispettata fil-Birgu għax nafu li ħdejn il-kastell matul il-bidu tas-seklu sittax kien għad hemm xi għelieqi. Għalhekk, jekk qatt kien hemm xi tarzna, din kienet ser tkun kemm jista' jkun lejn il-parti tal-kastell, jekk mhux ukoll taħtu, ħalli din iż-żona libera ta' difiża tibqa' tkun rispettata. Fuq kollox, għal din ir-raġuni wkoll, it-tarzna kienet tkun magħmula aktar ta' l-injam milli tal-ġebel, ħalli tkun tista' titneħħa malajr f'każ ta' xi attakk mill-għadu.

Dawn l-imħażen jidher li kienu mibnija bi struttura arkitettonika li tixbah ħafna lil dik użata f' tarznari simili f'portijiet Ewropej oħra, bħal dawk ta' Pisa. Minn deskrizzjoni ta' l-ewwel nofs sas-seklu sittax u minn informazzjoni orali dwar il-bini li kien hemm f'din il-parti qabel ma twaqqgħet ftit tas-snin ilu biex jittella' blokk appartamenti, wieħed jista' jieħu idea ta' kif kienet din it-tarzna fil-Birgu. Kienet tikkonsisti minn tinda waħda rettangulari li, matul l-ewwel żminijiet tal-perjodu ta' l-Ordni, nafu li kienet twila t-tul ta' galera. Din id-deskrizzjoni ssaħħaħ dak li ntqal fuq, għaliex minn ritratti antiki ta' dan il-maħżen jidher li dan il-bini kellu spazju ta' tinda waħda kbira, eżattament taħt il-kastell.

Malta kellha bżonn l-użu ta' tarznari matul il-medju evu tardiv u dan jidher mill-fatt li, għall-inqas f'dan il-perjodu, kien hawn Maltin li kellhom il-bastimenti tagħhom. Fosthom jissemma l-kaptan Michele di Malta li, minħabba l-abbużi li kien għamel fil-baħar Eġew meta attakka bastimenti nsara, spiċċa biex kien interċettat mill-galeri tal-kavallieri ta' San Ġwann, li dak iż-żmien kienu jgħammru f'Rodi, u nqatel fil-ġlieda li kienet saret kontrih. Dan mhux l-uniku każ storiku li minnu joħroġ il-kuntest marittimu tal-gżira matul il-perjodu medjevali. Fl-1348 ġiet imposta taxxa mir-renju ta' Aragona, li Malta kienet taqa' taħtu, ħalli jinġabru flus għall-bini ta' galeri. Skond l-medjevalista Malti Godfrey Wettinger, ma tantx jidher li f'din it-tarzna tal-Birgu kien isir bini ta' bastimenti, daqskemm it-tiswijiet tagħhom. Il-bini kien jitħalla għat-Tarzna Rjali fi Sqallija jew f'partijiet oħra tar-renju t'Aragona jew tarznari kbar Ewropej oħra. Dan jista' jiġi kkonfermat ukoll permezz ta' l-analiżi urbana ta' Malta. Għax, waqt li fil-Mediterran kollu l-aktar tarznari importanti kienu dawk li jinsabu f'belt li tħares fuq il-kosta jew li kellha xmara navigabbli, fil-każ ta' Malta dan il-mudell ma jsegwix. L-unika belt li kien hawn fil-gżira sa l-1530 kienet tinsab fiċ-ċentru tagħha, f'nofs iż-żona rurali, waqt li fil-Birgu kien hemm biss subborg żgħir li kien jitħares mill-kastell. Fuq kollox, it-tarznari importanti fil-Mediterran dejjem kellhom warajhom bliet li kienu mgħammra, ħafna darbi, minn aktar minn ħamest elef ruħ.



*Les arsenaux de Birgù. Aspect au XVIIIe siècle, lithographie (© Dr. A. Ganado).*

## Il-Birgu u t-Tarzna tal-Galeri

Fl-1530, l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann (magħruf aktar tard bħala l-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta) adotta l-gżira ta' Malta bħala d-dar ġdida tiegħu. L-għażla ta' l-Ordni li jiġi fi gżira, li ma' l-ewwel daqqa t'għajn ma tantx kienet ideali għalihom minħabba li kienet nieqsa minn kollox, mill-ilma sal-kultura, kienet deċiża minn fattur wieħed; il-gżira kellha wieħed mill-aħjar portijiet fil-Mediterran, għalkemm sa dik is-sena l-ebda qawwa f'dan ir-reġjun ma kienet ħadet il-potenzjal tiegħu bis-serjetà. Il-Port il-Kbir għandu ħames daħliet importanti magħmula minn dik li llum saret magħrufa bħala d-Daħla ta' l-Irnella, il-Port ta' l-Ingliżi (id-daħla ta' wara l-Birgu li tagħti għal fuq ir-raħal tal-Kalkara), id-Daħla tal-Galeri (bejn il-Birgu u l-Isla), il-Port tal-Franċiżi (bejn L-Isla u l-għolja ta' Kordin) u d-Daħla ta' Kordin. In-naħa l-oħra, jiġifieri wara l-peniżola li fuqha nbniet il-belt Valletta, hemm port ieħor kbir u spazjuż. Dawn kienu fatturi importanti ħafna għall-kavallieri li, matul il-ħakma tagħhom f'Rodi, kienu żviluppaw flotta b'saħħitha, li meta ġew biex telqu minn Rodi fl-1522 kellha numru ta' galeri u anki żewġ karrakki. Kien minħabba l-eżistenza ta' din il-flotta li meta l-kavallieri waslu Malta għażlu dan il-port bħala r-residenza tagħhom u marru fil-post li kellu strutturi rudimentali urbani, jiġifieri dak tal-Birgu. Hawn wieħed għandu jaħseb fil-fatt li fil-Birgu wkoll kien hemm tarzna u dan il-fatt żgur li kompla influwenza din il-għażla. Li hu żgur hu li l-kavallieri mill-ewwel urew interess f'dan il-post minħabba li huma kellhom bżonn tarzna biex jagħmlu t-tiswijiet tal-bastimenti tal-flotta tagħhom fiha.

Il-Daħla tal-Birgu kienet toffri protezzjoni lill-flotta ta' l-Ordni. Waqt li l-Port il-Kbir kien ġeneralment kenni, fix-xitwa dan il-port kien miftuħ għall-grigalati peress li l-bokka tiegħu tħares lejn il-grigal. Għalhekk id-daħla tal-Birgu kienet meqjusa ideali biex fiha ddaħħal il-flotta fix-xhur tal-maltemp, jiġifieri bejn l-aħħar ta' Ottubru u l-bidu ta' Mejju, li matulhom kienu jsiru wkoll it-tiswijiet u t-tqalfit meħtieġ.

Għall-ewwel għaxar snin, l-Ordni ta' San Ġwann jidher li għamel użu mit-tarzna medjevali, anki jekk wieħed jissuspetta serjament, li din it-tarzna setgħet kienet ġiet imkabbra u rranġata ħalli tkun tista' tlaħħaq aħjar mal-ħtiġijiet tal-galeri ta' l-Ordni. Wieħed jissuspetta li l-Kavallieri kienu għamlu fiha tiswijiet, u forsi anki tkabbret xi ftit biex fiha tkun tista' tinbena galera. Iżda strutturalment tħalliet kif kienet fil-medju evu, jiġifieri b'tinda waħda, jew, skond l-espert marittimu Malti Joseph Muscat, *"gabled shed with the whole structure being made of wood"* (Muscat 2001: 5) u mhux wiesgħa aktar minn 25 metru minn ġenb għal ġenb. Li hu żgur hu li fl-1535 din it-tarzna

kellha t-tul ta' galera, għax f'dik is-sena fiha bdiet tinħadem galera li tlestiet sas-sena ta' wara. Ix-xogħol jidher li ntgħoġob, tant li immedjatament kif tlestiet ġie ordnat il-bini ta' galera ġdida.

Iżda ma damx ma beda jinħass li din it-tarzna ma kinetx waħda addattata għal dan ix-xogħol u ġie deċiż li tinbena oħra ġdida, xogħol li nbeda fl-1540. L-istoriku ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Giacomo Bosio, fil-ktieb tiegħu *Historia*, ippubblikat fl-1602, jiġifieri ħafna snin wara li kienet inbniet din it-tarzna, jgħid li din ġiet mibnija *"quasi in mezzo della strada della marina del Borgo"*. (Bosio: footnote iii, 184). Fi kliem ieħor, dan il-post il-ġdid kien jinsab probabbilment eżatt fejn illum hemm il-Mużew Marittimu fil-Birgu. Jekk dan hu minnu, allura l-għażla ta' dan il-post kienet waħda determinanti għax, matul il-ħakma kollha ta' l-Ordni, jiġifieri sa 1798, it-tarzna tal-galeri fil-Birgu qatt ma bidlet postha iżjed, imma baqgħet f'dan il-post ġdid tagħha, dejjem attiva matul dawn is-sekli kollha. Li hu żgur hu l-fatt li t-tarzna li kien hemm fil-medju evu ma kinetx l-istess waħda bħal dik li bnew l-Ordni fuq ix-xatt tal-Birgu. Dan għaliex il-Kavallieri għat-tkabbir ta' din it-tarzna kienu esproprjaw numru ta' binjiet li kienu jinsabu fuq ix-xatt. Iżda min-naħa l-oħra l-kavallieri qagħdu attenti li meta jibnu din it-tarzna l-ġdida ma jgħattux il-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu, li matul l-ewwel snin ta' l-Ordni f'Malta, jiġifieri bejn l-1530 u l-1571, kienet isservihom bħala l-knisja konventwali tagħhom. Dan ikompli jsaħħah dak li għadni kif għidt dwar il-post magħżul għat-tarzna, post li jaqbel ma' dak li kien kiteb l-istoriku ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Giacomo Bosio, li t-tarzna l-ġdida kienet tinsab f'nofs il-moll.

Għalhekk, għall-ewwel għaxar snin l-Ordni baqgħet tuża t-tarzna medjevali għall-bżonnijiet tagħha. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-kavallieri mill-ewwel bdew jaħsbu biex jibnu tarzna ġdida juri kemm huma kienu jagħtu importanza lill-flotta tagħhom. Wieħed irid jiftakar li l-ewwel tletin sena ta' l-Ordni f'Malta kienu ddominati minn perjodu ta' inerzja kbira. Ħafna kavallieri kienu tal-fehma li l-waqfa tagħhom f'Malta kienet waħda proviżorja u li l-Ordni kellu jħalli l-gżira ma' l-ewwel okkażjoni li tiġih, speċjalment jekk kien ser jirnexxilhom, kif dejjem ħolmu, jerġgħu jieħdu lura Rodi, li huma kienu tilfu lill-Ottomani wara assedju mdemmi fl-1522. Dan wassal biex il-kavallieri kważi kważi ma għamlu l-ebda proġett kbir fil-gżira matul l-ewwel nofs tas-seklu sittax, u dan jgħodd ukoll għad-difiża. Kienu biss l-invażjoni mill-kursara Misilmin fl-1551, li matulha l-popolazzjoni tal-gżira l-oħra, dik ta' Għawdex, kważi ttieħdet kollha fil-jasar u t-telfa tal-fortizza ta' Tripli fl-istess sena mill-istess kursara li wasslu biex il-kavallieri jibdew jieħdu d-difiża tal-gżira bis-serjetà. Huma bdew

proġetti kbar ta' difiża. It-tarzna tal-Birgu kienet eċċezzjoni għal dan kollu, għax inbdiet tnax-il sena qabel is-sena 1552.

Din it-tarzna, mibdija fl-1540, kienet magħmula bħal dik ta' qabilha minn tinda waħda magħmula minn numru ta' arkati ta' l-injam, jew forsi anki tal-ġebel, imsaqqfa bl-injam. Ix-xogħol fuqha malajr tlesta għax fl-1554 ġiet varata l-ewwel galera, dik magħrufa bħala l-*Capitana Santa Maria della Vittoria*. Il-bini ta' galeri u opri oħra tal-baħar baqa' sejjer sa tmiem is-seklu tmintax. Il-galera *San Luigi* kienet l-aħħar galera li nbniet f'Malta.

Biss wara l-assedju saru numru ta' tentattivi biex jinbnew tarznari ġodda fix-xaqliba l-oħra, jiġifieri n-naħa tal-belt il-ġdida, iżda dawn ma kellhomx ħajja twila. Dan kien ifisser li t-tarzna tal-Birgu baqgħet għall-kavallieri d-djamant prezzjuż fil-kuruna tagħhom. Lejn l-aħħar tas-seklu sittax, l-Ordni beda jħoss aktar il-pressjoni biex iqiegħed fis-sod is-sisien tat-tarzna tal-Birgu. Għall-bidu d-diskors kien li tinbena tarzna ġdida. Tant hu hekk li fl-1597 twaqqaf kumitat apposta biex jistħarreġ din il-possibilità, biss ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni għal għaxar snin minn dik is-sena. Fl-1607, il-Gran Mastru Alof de Wignacourt jidher li għalaq din it-tarzna mibnija fl-1540, biex minflokha jibni waħda akbar. Iżda din it-tarzna minflok twaqqgħet, ġiet imkabbra billi ttieħdu żewġt idjar mogħtija minn Fra Agostino Mego, u b'hekk setgħet tiżdied tinda oħra. B'hekk din it-tarzna saret waħda magħmula minn żewġ tined. Biss dan it-tkabbir xorta waħda ma ssodisfax iż-żieda tax-xogħol fuq it-tiswijiet tal-galeri, tant li fl-1636 il-Gran Mastru Fra. Jean Paul Lascaris de Castellar (1636–1657), li kien għadu kif ġie elett, flimkien mal-Kunsill, approva l-bini ta' tinda oħra għal dan il-bini.

Għalhekk sa nofs is-seklu sbatax din it-tarzna tal-Birgu kellha tliet arkati, iżda li kollha kienu jsegwu l-istess mudell ta' l-ewwel arkata, jiġifieri dak ta' tinda mibnija minn arkati tal-ġebel, jew ta' l-injam, imma imsaqqfa żgur bl-injam. Kull waħda minn dawn l-arkati kellha tul ta' 52 metru (li kien it-tul ta' l-iskall, li kien ukoll it-tul tal-galera) u 13-il metru ieħor li fihom kien isir ix-xogħol. Fl-1667 it-tarzna rat trasformazzjoni importanti. L-injam tagħha tneħħa biex minfloku jinbena saqaf magħmul kompletament minn arkati tal-ġebel. L-injam il-qadim ma ntremiex iżda ġie użat fil-bini tat-tarzna l-ġdida fil-Belt Valletta li saret magħrufa bħala dik tal-*Vecchia Calcara*. Dan ix-xogħol irid jiġi inkwadrat fil-proċess ta' tiġdid urban li seħħ f'dan il-moll tal-Birgu u li laħaq il-qofol tiegħu matul il-ħidma tal-Gran Mastru Adrien de Wignacourt (1690–1697). Dan il-Gran Mastru rranġa l-faċċati tal-bini max-xatt tal-Birgu biex jagħtihom dehra aktar maestuża. Kien ukoll matul ir-renju ta' l-istess Gran Mastru, fis-sena 1696, li l-iskallijiet kollha ġew imtawla, ħalli fihom ikunu jistgħu jilqgħu l-galera *Kapitana*, li bdiet tinbena itwal mill-

galeri l-oħra komuni ta' l-Ordni. B'hekk it-tul kollu ta' kull tarzna issa sar ta' 84 metru, li minnhom iridu jitnaqqsu 68 metru għall-ispazju tal-galera, u l-bqija, jiġifieri t-13-il metru l-oħra, kienu biex fihom isir ix-xogħol. Fi kliem ieħor, l-ilma baħar kien jibqa' dieħel sa fuq l-iskall jew aħjar kważi sad-daħla tat-tined, biex hekk jitħaffef il-varar tal-bastimenti. Kull skall kien wiesa' madwar 9.5 metri u kellu pendil ta' 8 fil-100 li kien jibqa' sejjer sal-baħar. Il-pjattaformi ta' ma' ġenb l-iskall, li fuqhom in-nies tas-sengħa kienu jaħdmu l-biċċiet tal-bastiment, kienu 6.5 metru fuq kull naħa.

Matul il-ħakma ta' Adrien Wignacourt, lit-tarzna tal-Birgu saritilha faċċata ġdida billi ġiet iddekorata bi statwi, balavostri, skudi dekorattivi u armi ġentilizji. Il-bini kollu ta' fuq il-moll kien relatat mal-ħidma tal-galeri, u kull binja ngħatatilha dehra majestuża, tant li dan il-moll, li fl-antik kien magħruf bħala ta' San Lawrenz, beda jsir magħruf dejjem aktar bħala il-*Molo Grande*.

Sa tmiem is-seklu sbatax, din it-tarzna kienet ikkomplementata minn numru ta' palazzi u mħażen mibnija f'linja dritta magħha; l-ewwel imħażen fuq il-moll, jiġifieri dawk li kienu jinsabu fejn hu maħsub li qabel kien hemm it-tarzna medjevali, sewwasew il-binja ta' maġenb il-kastell, bdew iservu bħala ħabs ta' l-ilsiera. Dan kien bini importanti għax fih kienu jinżammu l-qaddiefa tal-galeri li ħafna minnhom, iżda mhux kollha, kienu lsiera jew priġunieri maqbuda fil-gwerra ma' Ottomani u reġenzi barbareski ta' l-Affrika ta' Fuq. L-imħażen l-oħra ta' ħdejhom, illum magħrufa bħala l-imħażen ta' Caraffa għall-Gran Mastru Gregorio Caraffa (1680–1690) li bniehom, bdew jintużaw bħala mħażen għall-galeri. Wara kien hemm tliet palazzi lussużi, li f'kull wieħed minnhom kien joqgħod wieħed mill-kaptani tat-tliet galeri ta' l-Ordni, u r-raba' palazz kien ta' l-ġeneral ta' l-iskwadra tal-galeri. Min-naħa l-oħra, il-bini li kien imiss dirett mat-tarzna kien użat mill-amministrazzjoni ta' l-istess tarzna, bħall-*prodomo* jew il-kontrollur tat-tarzna, segretarji u skrivani li kollha kienu jaħdmu f'din l-istess tarzna.

Hawn wieħed irid isemmi wkoll li l-imħażen hekk imsejħa ta' Caraffa kienu nbnew minflok il-knisja ta' Sant'Andrija, li oriġinarjament kienet inbniet fl-1524, iżda li matul iż-żmien tilfet l-użu tagħha. Id-dedikazzjoni tal-knisja turina li f'din iż-żona kienu jgħixu numru ta' sajjieda, li Sant'Andrija hu l-patrun tagħhom f'Malta. Il-fatt li din il-knisja ma baqgħetx tintuża juri li n-numru ta' sajjieda fil-Birgu naqas, probabbilment minħabba dħul ta' snajja' ġodda tal-baħar, bħalma kienu dawk marbutin mal-bini u tiswijiet tal-bastimenti, u dawn is-snajja' kienu jħallu qligħ akbar minn tas-sajd. Għalhekk fl-1613 din il-knisja twaqqgħet biex minflokha jsir il-bini ta' l-imħażen għat-tarzna. Minflokha tqiegħed salib ta' l-injam li wara

nbidel f'wieħed skolpit fil-ġebel, li għadu jeżisti sallum u jinsab f'daħla fil-faċċata ta' l-aħħar maħżen qrib Sant'Anġlu.

Il-mod kif kienet amministrata din it-tarzna juri l-importanza li l-Kavallieri kienu jagħtu lil dan il-bini. Il-Gran Kummendatur ta' Provenza, wieħed mill-aktar dinjitarji importanti fi ħdan l-Ordni, kien ukoll il-Kaptan tat-Tarzna, u l-post tiegħu kien jiġġedded kull sentejn. Min-naħa l-oħra, il-lingwa ta' l-Italja kellha d-dritt, permezz ta' l-ammiral li kien il-prijur ta' din il-lingwa, li taħtar il-kontrollur, li wkoll kien iżomm l-uffiċċju tiegħu għal sentejn. Hu kellu x-xogħol li jikkompila rapport amministrattiv fuq it-tarzna kull xahar u jagħtih lill-Gran Kommendatur u lill-awdituri. Min-naħa tiegħu, it-teżor ukoll kien jirċievi mingħand ir-riċevitur ta' l-istess tarzna żewġ rapporti dwar l-kwalità u l-kwantità ta' xogħlijiet li jkunu għaddejjin.

Fl-iskala immedjata wara r-riċevitur u l-kaptan tal-galeri kien jiġi l-kapumastru jew il-mastru tal-bini tal-galera, li kien ukoll il-kap ta' l-artiġjani u l-maestri tal-lexxuna, jew *axia* kif kienet imsejħa bit-Taljan, li kienu jaħdmu fit-tarzna. L-aktar snajja' importanti fit-tarzna kienu dawk tal-mastrudaxxi u tal-qlafat. Biss kull tarzna kienet teħtieġ is-servizzi tal-buttara, il-ħaddieda, is-segaturi, dawk li jagħmlu l-arbli tal-qlugħ, it-tarjoli, kif ukoll dawk li jagħmlu l-imqadef, il-fundiera, u dawk li jagħmlu l-armamenti. Ħaddiema tas-sengħa oħra li kienu meħtieġa fit-tarzna kienu dawk li jagħmlu u jaħdmu fuq id-dekorazzjonijiet kif ukoll fuq l-għamajjar ta' fuq il-bastimenti bħalma kienu l-ħaddieda, dawk li jagħmlu l-fanali, il-piżaturi, il-mastri ta' l-armi, il-kurdara, it-tapizzara, id-dekoraturi u l-iskulturi, l-induraturi, il-ħaddiema ta' l-attrezzatura tal-ħbula, il-velieri u n-nissieġa tal-qlugħ. Ma' dawn wieħed irid isemmi wkoll l-għassiesa u s-suldati mal-bibien tat-tarzna ħalli jgħassu kontra kull tip ta' serq. Magħhom wieħed irid iżid ukoll l-ilsiera Musulmani li ħafna drabi kienu jiġu mħaddma f'xogħlijiet umli bħala ħaddiema ta' l-id ta' mingħajr sengħa, jew bħala burdnara jew kenniesa.

Wieħed jista' jgħid li x-xogħol ta' l-1667 kien l-aħħar wieħed importanti li sar fuq din it-tarzna. Fis-snin ta' wara, din it-tarzna kellha t-tiswijiet ta' rutina biex b'hekk inżammet taħdem sa 1798, l-aħħar sena ta' l-Ordni f'Malta. Sa tmiem il-ħakma ta' l-Ordni Malta kellha erba' tarznari statali, iżda dik tal-Birgu kienet l-unika waħda f'pajjiżna li baqgħet tiffunzjona matul il-perjodu kollu ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Matul dawn is-snin kollha, fit-tarzna tal-Birgu nħadmu galeri ta' kull tip, kollha jsegwu mudelli eżistenti Ewropej u jinkludu dawk magħrufa bħala l-kapitani, nofs galeri. Inħadmu wkoll qxur oħra tal-baħar bħalma kienu galeotti, brigantini, fregati, felukki, kif ukoll dgħajjes oħra ta' qlugħ latini ta' għamla iżgħar, bħall-kajjikki u l-fregatini. F'termini ta' persentaġġ, għal kull żewġ galeri

u nofs li kellu l-Ordni, waħda minnhom kienet tkun saret f'din it-tarzna fil-Birgu. Hawn wieħed irid ifakkar li f'din it-tarzna ma kienx isir biss il-bini ta' bastimenti iżda wkoll it-tiswijiet tagħhom. Ta' min isemmi li l-arbli u l-antenni kienu jinbidlu ma' l-inqas sinjal ta' dgħufija jew kif jibdew jidhru x-xquq. Partijiet mill-attrezzatura tal-ħbula, qlugħ jew kull ħaġa li kienet tinqata', tiżżarrat jew tinkiser, kienu jiġu malajr irranġati. It-tqalfit kien isir ta' spiss, b'mod partikolari fuq il-buk jew żaqq tal-bastiment, speċjalment dik il-parti li kienet tkun taħt l-ilma. Din il-parti riedet attenzjoni partikolari.

It-tkeċċija ta' l-Ordni minn Malta fl-1798 twassal għat-tmien ta' l-iskwadra tal-galeri f'pajjiżna. Il-forza Franċiża li ġiet minflokha kienet tagħmel użu mill-vaxxelli. L-istess jista' jingħad għall-forza Britannika li ħadet post dik Franċiża fl-1800. Għalhekk dan l-ispazju tilef l-iskop oriġinali tiegħu. L-Ingliżi ma kellhomx aktar bżonn tarzna għall-galeri. Il-galeri kien għadda żmienhom u għalhekk dawn ma kinux fuq il-lista tal-bastimenti tagħhom. Ma damx wisq li dal-post tilef l-iskop li għalih inbena. Dawn il-loġoġ jew arkati tat-tarzna baqgħu wieqfa sa l-1842, meta nħattew ħalli minflokhom jinbnew il-fran ta' l-Ammiraljat fuq id-disinn tal-perit Ingliż William Scamp (1801–1872). L-istess jgħodd għal kull tarzna oħra li fetħet f'Malta matul il-ħakma tal-kavalieri. Għal xi raġuni jew oħra, din kellha tagħlaq.

## Il-Belt Valletta: Tarznari Ġodda għall-Ordni ta' San Ġwann

L-Assedju ta' l-1565 fuq Malta ġab fi tmiemha kull aspirazzjoni li l-Kavallieri ta' San Ġwann kien għad baqgħalhom li jħallu din il-gżira. Iżda t-telfa Ottomana ġabet ukoll anzjetà għall-kavallieri għaliex ħafna kienu ċerti li t-Torok kienu ser jerġgħu jaħbtu għall-gżira fi żmien qasir. Għalhekk, hekk kif intemm l-assedju, il-Gran Mastru ta' dak iż-żmien, il-Franċiż Jean de La Valette (1557–1568) intefa' biex jibni belt ġdida fortifikata ħalli tkun tista' tilqa' aħjar għal kull invażjoni oħra li seta' jagħmel l-għadu Musulman fuq din il-gżira. Din il-belt il-ġdida kellha tiġbor fl-ispazju urban tagħha l-istrutturi kollha assoċjati mal-kultura, id-difiża u l-amministrazzjoni tal-gżira. Dan kien ifisser ukoll li t-tarznari kellu jinstabilhom post anki taħt il-kenn tas-swar il-ġodda.

Fil-bini tat-tarznari fil-Belt, il-Kavallieri ma segwewx mudelli oħrajn prevalenti fl-Ewropa, bħalma ġara fil-każ ta' Pisa bil-bini tat-tarznari tal-Mediċi jew kif kien jitħaddem l-*arsenale* ta' Venezja, fejn kollox kien iċċentralizzat. Huma għażlu li jifframmentaw il-funzjonijiet ta' l-*arsenale* u għalhekk ippruvaw jiżviluppaw numru ta' tarznari f'żoni differenti tal-belt il-ġdida. Hekk fl-1582, sittax-il sena wara t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-belt

il-ġdida, il-Kavallieri ħarġu bl-ewwel pjanijiet tagħhom ta' tarzna ġdida fil-port. L-idea kienet li tintuża parti mill-Belt, eżattament fuq ix-xaqliba ta' Marsamxett, jew dik id-daħla li tħares lejn il-punent, biex fiha jinbena port militari. Il-ħsieb kien li titħaffer ħofra kbira ħalli sservi ta' port kenni fejn jistgħu jiddaħħlu l-galeri u xwieni oħra ta' l-Ordni. Il-post magħżul beda jissejjaħ *mandracchio*, terminu grieg użat f'Rodi fejn post bħal dan kien jissejjaħ *mandraki*, jew menqa li fiha jistgħu jiddaħħlu l-bastimenti. Biex iħaffu dan il-proġett, fl-1582 il-Kunsill ta' l-Ordni kien ħareġ digriet biex il-ġebel kollu li kellu jintuża għall-bini tal-Belt kellu jinqata' minn din iż-żona. Iżda ġara, li wara li kienu niżlu mhux ħażin, sal-livell tal-baħar, sabu li l-blat kien tal-qawwi. Din kienet waħda mir-raġunijiet għala dan il-proġett kellu jiġi abbandunat.

Mil-lat urbanistiku, il-fatt li dan il-proġett falla kien ta' gwadann indirett għaż-żona tal-Port il-Kbir. Peress li dan il-mandraġġ kellu jiżviluppa fuq ix-xaqliba l-oħra tal-belt, f'port li sa l-1566 kien għadu ma ra l-ebda żvilupp urban, jiġifieri dak ta' Marsamxett, dan seta' jfisser li l-port veru kien ser ikun f'din in-naħa, bil-konsegwenza li dak magħruf bħala l-Port il-Kbir jitlef l-importanza tiegħu. Kieku seħħ dal-proġett, wieħed kien jaħseb li t-tarznari futuri tal-Kavallieri kienu jinbnew f'din iż-żona biex ikunu qrib ta' dan il-port magħluq, jekk mhux ukoll ġewwa fih.

Il-fatt li dan il-mandraġġ qatt ma żviluppa wassal biex il-galeri baqgħu jidħlu u joħorġu mill-Port il-Kbir. Għalhekk kull żvilupp urban li seħħ fil-Port il-Kbir sar ukoll għax il-galeri baqgħu jużaw dan il-port. Kieku dan ma seħħx, kien ikun diffiċli biex wieħed jaħseb li l-Port il-Kbir qatt seta' jiżviluppa kif żviluppa. Minflok kien jiżviluppa dak ta' Marsamxett. Iżda minħabba li l-proġett tal-mandraġġ falla, l-iżvilupp ta' Marsamxett kien destinat biex jibqa' fuq l-ixkaffa, u kull tentattiv li sar, sa l-aħħar tas-seklu dsatax, qatt ma wassal għal żvilupp veru tiegħu. Anki jekk il-Kavallieri nfushom ippruvaw jiżviluppaw din id-daħla, bħal ma kien il-każ fis-seklu tmintax meta nbniet Forti Manoel fuq il-gżira li hemm f'nofs dan il-port, xorta waħda din ma wasslitx għal żvilupp ħolistiku ta' dan l-ispazju u sa tmiem il-ħakma tal-Kavallieri l-iżviluppi ta' dan il-port kienu għadhom 'il bogħod ħafna. Dan il-port kellu jistenna l-perjodu Ingliż, speċjalment il-bidu tas-seklu għoxrin meta, minħabba li ma kienx għad hemm postijiet biżżejjed fil-Port il-Kbir fejn isorġu l-vapuri militari Ingliżi, il-port ta' Marsamxett beda jservi wkoll għat-trakkar ta' ħafna vapuri li magħhom ġabu żvilupp urban f'din iż-żona. Għalhekk dan jispjega għaliex il-Port il-Kbir matul il-ħakma ta' l-Ordni f'Malta baqa' magħruf bħala Il-*Real Porto di Malta* jew *Porto Generale.* Wieħed ikollu jikkonkludi li dan il-falliment ta' żvilupp ta' menqa għall-

galeri fil-post li sal-lum għadu magħruf bħala l-mandraġġ iddetermina wkoll id-direzzjoni tal-proġetti futuri u l-iżviluppi tat-tarznari biex ikunu ffukati fuq iż-żona tal-Port il-Kbir.

Il-bini tal-belt ġab miegħu l-ħsieb li t-tarznari li kellhom jinbdew fil-Port il-Kbir kellhom jinbnew taħt il-ħarsien tas-swar tal-belt il-ġdida. Fi kliem ieħor, kull tarzna li ġiet maħsuba biex tinbena fil-belt il-ġdida segwiet il-mudell tat-tarzna medjevali li kien hemm fil-Birgu. Kull proġett li ġie maħsub dejjem kien għall-irdoss ta' xi fortizza importanti.

Il-bini ta' *arsenale* fuq din in-naħa kien ifisser li dan il-bini kellu jħabbat wiċċu mal-problema ta' l-hekk imsejjaħ riħ mill-grigal. L-ewwel proġett ta' bini ta' tarzna fuq ix-xaqliba tal-Belt ġie afdat lill-perit Ġlormu Cassar, il-bniedem li beda jieħu ħsieb il-bini ta' din il-belt il-ġdida, Valletta. Cassar ħejja l-pjanti għal proġett ta' *arsenale*. Il-post magħżul kienet il-marina tal-Belt, u kien jinsab fejn kien hemm il-Funtana ta' Nettunu u l-Barriera ta' l-Infetti. Cassar ipproġetta *jetty* jew moll kbir li kellu joħroġ minn dan ix-xatt naturali tal-Belt Valletta. Dan il-moll kellu jservi ta' qlugħ kontra l-imbatt tal-baħar, b'mod partikolari l-grigal li jaffettwa direttament lill-port, minħabba li r-riħ qawwi jiġi direttament mid-daħla tal-port. Għal xi raġuni mhux magħrufa, dan il-proġett ma sarx. U mn'alla illi dan ma sarx, għax kieku l-marina tal-Belt ma kinetx tiżviluppa kif fil-fatt żviluppat. Din il-*jetty* li fuqha kellhom presumibilment jinbnew l-iskallijiet kienet tkun ta' tfixkil għall-iżvilupp tax-xatt tal-Belt f'marina. Għax ma saritx, żviluppa f'dan il-post il-moll tal-bastimenti kummerċjali, li miegħu bdew jorbtu d-dgħajjes iż-żgħar.

Iżda sakemm kellu jitwettaq il-proġett tal-Mandraki jew dan il-proġett ta' Cassar, il-Kavalieri bnew dak li jista' jitqies bħala *arsenale* ta' natura proviżorja biex ikunu jistgħu jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. L-ewwel tarzna li fil-verità nbniet kienet fil-post magħruf bħala l-Fossa, li jinsab għall-irdoss tal-Forti Sant'Iermu. Din inbniet madwar l-1570. Din it-tarzna tidher li ġiet maħsuba għall-bini u t-tiswijiet tal-galeri. Kien maħsub biex din it-tarzna tieħu post dik tal-Birgu, iżda spiċċat biex kienet falliment. It-tieni tarzna ġiet ukoll mibnija ġewwa foss, din id-darba f'dak li jifred lill-Belt mill-bqija tal-peniżola, jew aħjar fil-foss li hemm taħt il-Barrakka ta' Fuq, eżattament wara l-post magħruf bħala d-Dwana, taħt waħda mill-kavallieri jew fortizzi ta' difiża għad-daħla tal-Belt. Maż-żmien din it-tarzna bdiet titqies li kienet saret żgħira ħafna. Madwar l-1633, il-Kavallier Giovanni Battista Vertova kien għamel proposta ġdida għall-bini ta' *arsenale* fix-xatt tal-Belt, fin-naħa li tagħti fuq il-Port il-Kbir. Il-post magħżul kien qrib l-hekk imsejħa Barriera ta' l-Infetti, jew fejn kienu jinżammu

kwarantina fil-Belt dawk li kienu jiġu Malta minn pajjiżi tal-Lvant u ta' l-Afrika ta' Fuq. Iżda dan il-proġett, bħal dak li kien għamel Ġlormu Cassar qablu, li kien ukoll fl-istess żona, baqa' ma seħħx.

Fl-1652, il-balliju Fra Girolamo Salvago ħallas l-ispejjez biex tinbena tarzna ġdida fil-post fejn kien hemm it-tarzna ta' viċin id-dwana. Biss din it-tarzna ma kellhiex ħajja twila ħafna. Fl-1685, f'dak li jidher li kien mument ta' traskuraġni, it-tarzna ħadet in-nar. In-nar tant kien qawwi li t-tarzna nqerdet għalkollox.

Din l-aħħar tarzna, magħrufa bħala Salvago, ma kenitx l-uniku waħda mibnija f'din iż-żona. Ftit 'il bogħod minnha, fl-1667 sar tentattiv ieħor għall-bini ta' tarzna. Din it-tarzna tat isimha lil dan il-post, cjoè il-post tal-*Calcara Vecchia*. Hija nbniet mill-fdalijiet tat-tinda tat-tarzna tal-Birgu, wara li din kienet ġiet żarmata. (Din ġiet mibnija mill-ġdid eżattament fejn il-lum hemm il-Maritime Authority jew l-imħażen magħrufa bħal ta' Pinto, imsemmija għall-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca (1741–1773) li bniehom.) Din it-tarzna ma kellhiex ħajja twila, għax matul is-seklu tmintax intesiet għal kollox. Skond l-istoriku marittimu Joseph Muscat, din it-tarzna setgħet kienet waħda proviżorja minħabba l-fatt li t-tinda tagħha kienet mibnija mill-injam qadim riċiklat mit-tarzna tal-Birgu, u għalhekk ma tantx seta' kellha ħajja twila. Infatti, dan l-injam kien tneħħa biex minfloku ssir tarzna tal-ġebel fil-Birgu. L-użu ta' l-injam f'din it-tarzna f'dan il-perjodu partikolari jindika kostruzzjoni temporanja.

Hawn wieħed bilfors irid jistaqsi għala, anki jekk kien hemm erba' tarznari fiż-żona tal-Belt Valletta, l-ebda waħda minnhom ma kellha ħajja twila u kollha spiċċaw sa tmiem is-seklu sbatax. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu ħafna. Waqt li l-fortuna lagħbet il-logħba tagħha, bħalma jidher li kien il-fatt fit-tarzna ta' Salvago, li kien jidher li kienet ser tkun suċċess iżda nar aċċidentali wassal għall-mewt ħesrem tagħha, fatturi ta' natura ġeografika setgħu lagħbu wkoll il-logħba tagħhom. Wieħed ma jistax ma jgħidx li x-xatt tal-Belt, waqt li vera jinsab ġo port, għandu żvantaġġ wieħed; hu miftuħ għar-riħ, l-hekk imsejjaħ *grigale*. Dan kien ifisser li kull tarzna mibnija fuq ix-xaqliba tal-Belt kellha tiffaċċja l-qilla tar-riħ, waqt li dawk li kienu jinsabu fid-daħliet bħal dik tal-Birgu kellhom protezzjoni aħjar mill-elementi. Li hu żgur hu l-fatt li matul is-seklu tmintax l-ebda tentattiv li għamel l-Ordni ta' San Ġwann biex jibni tarzna ma ħa x-xatt tal-Belt inkonsiderazzjoni, iżda dejjem ħares lejn waħda mid-daħliet tal-port, bħalma kienet dik tad-Daħla tal-Galeri jew inkella d-Daħla tal-Franċiżi. Każ partikolari kien il-bini tat-tarzna għat-tiswijiet u l-kostruzzjoni tal-vaxxelli.

**Ix-Xaqliba ta' l-Isla: It-Tarzna tal-Vaxxelli u Oħrajn Privati**

Waqt li l-arsenali ta' Venezja u dak ta' Pisa huma kbar u komplessi biex fihom dawn il-potenzi marittimi setgħu jibnu l-flotot tagħhom fil-Mediterran u fihom jidher ukoll li kien isir ix-xogħol fuq kull tip ta' bastiment, it-tarzna mibnija mill-Ordni fl-1540 għall-galeri waqfet mill-iżvilupp wara l-1696. Għalhekk wara din id-data ma sarux aktar estenzjonijiet ta' din it-tarzna iżda biss tiswijiet rikorrenti, anki jekk xi drabi kienu maġġuri biex tkun tista' tibqa' titħaddem bħala post ta' tiswija u bini tal-galeri. Għalhekk il-Kavallieri ta' San Ġwann, li dejjem qiesu l-flotta bħala l-assi tad-difiża tagħhom, kellhom bilfors jaħsbu għall-bini ta' tarznari oħra biex iservu għal skopijiet ġodda tal-flotta li nħolqu mal-medda taż-żmien. Hekk meta fil-bidu tas-seklu 18 ġew introdotti l-vaxxelli, jew kif inhuma magħrufa aħjar ix-*ships of the line*, ġew mibnija mħażen apposta għalihom. Kull wieħed mill-erba' vaxxelli kellu l-maħżen tiegħu, kif ukoll kien hemm żewġ imħażen oħra għal skopijiet ta' ħażna ġenerali.

Fl-1700 l-Gran Mastru Ramon Perellos y Rocaful (1697–1720) ippreżenta fil-Kunsill ta' l-Ordni l-proposta għat-twaqqif ta' skwadra ġdida tal-baħar magħrufa bħala vaxxelli. L-ewwel żewġ vaxxelli nbnew f'Toulon, iżda wara li kienet twaqqfet it-tarzna ġdida għal dawn it-tip ta' bastimenti, xi drabi bdew jinbnew anki f'Malta. Il-bini ta' dan it-tip ta' bastimenti tal-gwerra bi qlugħ kwadru kien jitolb skallijiet differenti minn dawk użati għal galeri. Dan ifisser li dawn kellhom jew jinbnew ġo xi tarzna li kien hemm diġà attrezzata bħal ma kienet dik ta' Toulon, jew inkella kellu jinbena xi skall apposta għalihom f'Malta. L-istoriċi jaqblu li dawn il-vaxxelli ġew mibnija f'tarzna li mbniet apposta għalihom fid-Daħla tal-Franċiżi fuq ix-xaqliba ta' Senglea, eżattament taħt is-swar magħrufa bħala ta' San Raffaele, ħdejn id-daħla jew aħjar il-bieb ta' Bormla. Din it-tarzna saret il-post għal bini kif ukoll għat-tiswijiet kollha meħtieġa ta' dawn il-vaxxelli u kellha l-ħaddiema u l-amministraturi tagħha li kienu indipendenti minn dawk tat-tarzna tal-Birgu.

Il-bini ta' dan it-tip ta' bastiment wassal biex ikun hemm bżonn ta' *parco* u numru ta' mħażen speċifikament għalihom. L-ewwel imħażen inbnew f'dik il-parti tax-xatt ta' Bormla li kienet tmiss mas-swar ta' l-Isla. Dan ix-xogħol inbeda fl-1702 u wassal għall-bini ta' sitt imħażen, li erbgħa minnhom kellhom iservu għall-ewwel erba' vaxxelli li nbnew. B'kollox dawn l-imħażen kellhom tul ta' 120 metru u wisa' ta' 20 metru kull wieħed. Huma kienu mibnija fuq tliet sulari, b'arja ta' 10,800 metru kwadru. L-iskwadra kienet tagħmel ukoll użu minn imħażen li kien hemm il-Belt u li fil-passat kienu jagħmlu parti mit-tarzna mibnija mill-Balliju Salvago.

Imħażen oħra nbnew fuq in-naħa l-oħra tax-xatt ta' Bormla, ftit 'il barra mill-bieb tal-Birgu, eżattament taħt il-kunvent ta' Santa Tereża. F'dawn l-imħażen kien jinżamm it-tiben u l-ħuxlief. Din il-parti ta' Bormla kompliet tiżviluppa, għax fl-1738 f'dan il-post taħt Santa Tereża nbnew erba' *arsenali* żgħar għal ħażna tal-kanuni wżati minn dawn il-vaxxelli. Fl-Isla, imbagħad, il-post fejn illum hemm il-bini magħruf bħala d-*Dockyard Terrace* beda jintuża mill-kapitani tal-vaxxelli tant li dan il-post sar magħruf bħala l-*Hotel des Capitaines des Vaisseaux*. Dan il-bini kien jintuża wkoll minn xi kaptani tal-galeri. Fl-Isla wkoll, fuq in-naħa tad-Daħla tal-Franċiżi, jiġifieri biswit it-tarzna tal-vaxxelli, inbnew imħażen oħra fl-1720 biex fihom jintrefgħu l-qlugħ ta' dawn ix-xwieni.

Dawn il-bastimenti baqgħu jirċievu attenzjoni partikolari sa tmiem il-ħakma ta' l-Ordni f'Malta. Qrib dan il-post fejn inbnew l-imħażen għall-vaxxelli fuq ix-xaqliba ta' Bormla komplew jinbnew imħażen oħra matul il-perjodu tal-Gran Mastru Emanuel De Rohan (1776–1783). Hu żied in-numru ta' l-imħażen, biex b'hekk in-numru tagħhom tellgħu għal erbatax. De Rohan ħaseb ukoll biex jibni l-ewwel *drydock* f'Malta, jiġifieri l-bini ta' baċir li fih kellu jkollu l-kapaċità li permezz ta' pompi jitbattal mill-ilma. Il-post magħżul kien eżattament fid-daħla ta' wara l-Isla, jiġifieri f'dik li hi magħrufa bħala d-Daħla tal-Franċiżi. Iżda dan l-esperiment kellu jiġi abbandunat minħabba l-qagħda diżastruża li waqa' fiha l-Ordni b'riżultat ta' problemi finanzjarji. Fuq kollox, ix-xogħol sab intoppi kbar oħra minħabba li t-tħaffir ikkawża infiltrazzjoni ta' ilma li għalih ma setax jinstab kontroll.

Għalhekk id-daħla tal-Port il-Kbir, li tinkludi fiha kemm il-peniżola tal-Birgu u dik ta' l-Isla, ġiet kważi kważi mibdula f'tarzna waħda. Max-xatt tal-Birgu kellek it-tarzna tal-galeri, in-naħa l-oħra taħt Bormla, jew aħjar inti u dieħel lejn il-belt ta' l-Isla kien hemm l-hekk imsejħa Maċina, jew aħjar waħda mill-Kavallieri tal-port jew torrijiet ta' difiża li fuqha kien intrama parank kbir magħmul minn żewġ antarjoli, u permezz ta' dan il-krejn kemm il-vaxxelli kif ukoll il-galeri kienu jistgħu jiġu żarmati mill-arbli tal-qlugħ ħalli b'hekk ikunu jistgħu jiddaħħlu fit-tinda ta' l-arsenale jew inkella jiġu ankrati ħalli jgħaddu x-xitwa fil-kenn tal-port. Skond l-istoriku Malti, il-konti Gio Francesco Ciantar, il-kelma *maċina* ġejja mit-Taljan, u hi varjant tal-kelma *macchina*, jew aħjar dak il-krejn magħmul minn żewġ antarjoli li permezz tagħhom kienu jitniżżlu l-arbli tal-galeri. Wieħed hawn irid jgħid li Ciantar kien qiegħed jikteb lejn tmiem is-seklu tmintax. Waqt li lingwistikament jista' jkun li l-kelma Romanza *macchina* tinbidel fil-lingwaġġ Malti f' *maċina*, li hi wkoll kelma Romanza li tfisser ġebla kbira li permezz tagħha jiġi mitħun il-qamħ, din l-ispjegazzjoni ma teskludix orġini semitika. Wisq probabbli,

din il-kelma ġejja mill-pjattaforma li kienet tintrama quddiem dan il-bini matul is-seklu sbatax biex minn fuqha, il-Kavallieri kienu jistgħu jaħarqu n-nar jew *gioco di fuoco*. Din l-istruttura setgħet tat l-isem lill-post, peress li din il-baga jew ċattra kienet qed tkun assoċjata mal-ġebla li kienu jużaw f'dak il-perjodu biex jagħsru – *macinare*. Din kienet struttura temporanja u milli jidher ma tantx damet fl-użu, imħabba li darament tidher f'disinji u ikonografiji ta' l-epoka, tant li l-istoriku Ciantar, fis-seklu ta' wara, jidher li tilef is-sens ta' l-oriġini ta' din il-kelma.

Fi żmien il-Kavallieri żviluppaw ukoll numru ta' skallijiet għall-bini ta' opri, anki kbar, tal-baħar mill-privat. Dawn żviluppaw fil-foss bejn Bormla u l-Isla u għalhekk jidher li huma spiċċaw ikollhom żewġ daħliet, minħabba li dan il-foss kien jibda mix-xatt magħruf bħala d-Daħla tal-Franċiżi u jispiċċa f'dak magħruf bħala d-Daħla jew il-Port tal-Galeri jew f'dak li llum hu magħruf bħala d-*Dockyard Creek*, fix-xatt ta' Bormla. L-eqdem skall kien dak li jinsab iħares lejn id-Daħla tal-Galeri. F'dan l-iskall kienu jinbnew ħafna tipi ta' bastimenti kbar bħal tartani, pollakki, fregati, galeotti u brigantini fost l-oħrajn. Fis-seklu tmintax inbena skall ieħor, ukoll f'dik il-parti tal-foss bejn Bormla u l-Isla li tħares fuq Kordin, u fiha, skond dokumenti ta' l-epoka, kien il-post jew *luogo ove si fabricano tartane e altri bastimenti*. (Muscat 2005: 5, no. 26)

Wieħed jista' jgħid li dawn it-tarznari kollha kienu jsegwu l-istess mudell f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol fuq il-bastimenti u dgħajjes. Kemm fit-tarzna tal-galeri fil-Birgu kif ukoll fit-tarznari l-oħra, kemm tal-Belt u dawk privati, ix-xogħol f'dawn it-tarznari kien isegwi t-tradizzjoni tax-xogħol imħaddma fil-Punent. Il-materjal użat biex jinbnew il-bastimenti kbar f'Malta, in partikulari l-galeri u vaxxelli, kien jinġieb minn Venezja u postijiet oħra fit-tramuntana ta' l-Ewropa. Malta ma kellhiex biżżejjed siġar jew il-materja prima kollha meħtieġa għall-bini tal-bastimenti. L-uniku eċċezzjoni kienet il-qlugħ. Sa minn żmien l-Għarab, Malta żviluppat l-industrija tal-qoton, u l-qoton tagħha kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa tal-Mediterran.

Ix-xogħol fuq il-galera jew vaxxell kien jikkonsisti fil-bini tal-buk li kien jinbena fit-tarzna. Meta titlesta, u tkun imqalfta tajjeb, il-galera jew vaxxell kienet tiġi varata fil-baħar u x-xogħol jibqa' sejjer bil-buk fl-ilma marbut mal-moll. Fil-każ tal-galera, l-imgħallmin tas-sengħa kienu jaraw li t-talar ikun f'postu sew min-naħa għall-oħra. Kienu jiċċekkjaw ukoll li l-*jougs* kienu f'posthom, waħda fil-poppa u l-oħra fil-pruwa, ħafna drabi, ir-rambata, il-kalina u l-bankijiet tal-qaddiefa kienu jiġu mwaħħla wara li l-buk tal-galera kien ikun ġie varat. Il-bini tal-vaxxelli f'Malta, bħalma kien il-każ tal-galeri, baqa' sejjer sa tmiem il-ħakma ta' l-Ordni. Hekk per

eżempju il-vaxxell *San Gioacchino*, li kien inbena f'dan l-iskall ta' l-Isla, kien inbiegħ lir-re ta' Napli fl-1780 għas-somma ta' 177,000 skud. L-aħħar vaxxell li nbena f'Malta kien is-*San Giovanni.* Dan il-vaxxell ġie varat fis-sena 1798, jiġifieri fis-sena li l-flotta Franċiża taħt it-tmexxija ta' Napuljun Bonaparte, fi triqtha lejn l-Eġittu, ħatfet lil Malta. Dan il-vaxxell flimkien mal-bastimenti l-oħra ta' l-Ordni waqa' f'idejn il-Franċiżi, u l-vaxxelli b'mod partikolari ġew inkorporati fil-flotta Franċiża.

**L-Ingliżi f'Malta**

Mal-wasla tagħhom f'Malta, l-Ingliżi għarfu mill-ewwel l-importanza marittima ta' dan il-port. Sena wara l-wasla tagħhom, jiġifieri fl-1801, iddikjaraw lil Malta bħala port ħieles, waqt li mis-sena 1807, dawn il-gżejjer, permezz ta' numru ta' ordinanzi, bdew igawdu statut speċjali għall-kummerċ fil-Mediterran. Bejn l-1811 u l-1812 waslet Kummissjoni Rjali f'Malta li fost l-oħrajn tkellmet dwar il-port u indikat li l-materji primi għat-tiswijiet tal-bastimenti kienu qed jinġiebu l-aktar mill-Adrijatiku.

Min-naħa tagħhom l-Ingliżi ma abbandunawx it-tarzna tal-Birgu, anki jekk l-inkwiet politiku fl-Ewropa minħabba l-gwerer Napoljoniċi tefa' l-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta f'konfużjoni kbira. Hekk, sa l-1803 ma kienx għadu ċar jekk Malta kellhiex tmur lura għand il-Kavallieri, jew tgħaddi għand is-Saltna ta' Napli, jew tibqa' għand l-Ingliżi. Dan it-taqlib kollu affettwa b'mod dirett u indirett it-tarznari Maltin. Fl-1804 n-Navy Commissioner Commander Otway kien iddikjara li f'din it-tarzna kien hemm jaħdmu 240 ruħ. Hu sabha f'konfużjoni u nieqsa anki mill-armar meħtieġ għat-tiswijiet tal-bastimenti. Jidher mill-ewwel li l-Ingliżi ma ħadux grazzja mal-post fejn qabel kien hemm it-tarzna tal-galeri, tant li l-kummissarju kien ordna li l-ħaddiema jitnaqqsu għal 106 erwieħ biss. Imma Otway ma damx ma kellu jibdel l-opinjoni tiegħu. Il-gwerer navali bejn Franza u l-Ingilterra wasslu biex Orazio Nelson jibgħat hawn il-vaxxelli tiegħu, bħalma kienu *"Camelio"*, *"Seahorse"*, *"Childers"* u *"Madras"*, għat-tiswija.

Bħalma kien mistenni, l-Ingliżi ġabu magħhom preżenza qawwija ta' biċċiet tal-baħar, tant li minn kmieni beda jinħass il-bżonn ta' baċir fil-port ta' Malta. Fl-1811 insibu l-ewwel tentattiv mill-Ingliżi biex jibnu baċir f'pajjiżna. Intgħażlu żewġ postijiet fejn setgħet issir din it-tarzna. L-ewwel wieħed kien fil-menqa ta' Sant'Anġlu, jiġifieri f'dak l-istess post fejn kienet tinsab it-tarzna f'Malta matul il-perjodu medjevali. It-tieni post kien fid-daħla ta' Bormla. L-għażla waqgħet fuq din ta' l-aħħar. Ix-xogħol inbeda fl-1811, iżda ma damx ma kellu jieqaf. Fl-1813 faqqgħet

il-pesta f'Malta u l-persuna wara dan il-proġett, il-*master shipwright* William Bray, safa wieħed mill-vittmi tagħha. Ix-xogħol reġa' nbeda wara t-tmiem tal-pesta, iżda ma damitx ma tfaċċat problema oħra. Din iż-żona wkoll kienet tbati minn ħruġ ta' ilma mill-blat. L-Ingliżi għamlu minn kollox biex jikkontrollaw din il-problema, u sa l-1818, kienu għadhom jistudjaw biex jaraw kif jistgħu jsolvuha. Iżda kien kollu għalxejn. Bit-teknoloġija ta' dak iż-żmien ma rnexxilhomx jilħqu l-għanijiet tagħhom, tant li wara ftit taż-żmien abbandunaw dan il-proġett.

Iżda dan l-abbandun kien wieħed qasir għax, qabel l-aħħar nofs tas-seklu dsatax, l-istess żona reġgħet ġiet identifikata għall-bini ta' *dock* ġdid. Id-dħul tal-vapuri jaħdmu bl-i*steam*, (l-ewwel wieħed daħal fil-port ta' Malta fl-1825) żied il-pressjoni fuq il-Port il-Kbir. Fis-sena ta' wara, fid-daħla magħrufa bħala tal-Franċiżi, spiċċa x-xogħol fuq il-bini ta' moll ġdid (magħruf bħala *Parlatorio Wharf* ). Dan ix-xatt kien sar biex jgħin kemm fil-forniment ta' l-ikel lill-bastimenti kif ukoll fit-tqalfit, it-tneħħija u tqegħid ta' l-arbli u t-tiswijiet tal-bastimenti. Iżda ż-żieda ta' xatt ma kinetx biżżejjed. Iż-żieda fl-użu tal-port mill-flotta militari u kummerċjali Ingliża wasslet biex jittieħed bis-serjetà l-bini ta' *drydock* modern f'Malta, b'faċilitajiet li sa dak iż-żmien ma kienx għad hawn f'din il-gżira.

Il-preparamenti kienu ġà nbdew fl-1841 meta jidher li tfasslu l-ewwel pjanti. Għall-ewwel, l-Ammiraljat kellu għażla bejn żewġ postijiet: jew jiżviluppa d-daħla ta' Bormla jew inkella jiżviluppa d-daħla ta' wara l-Isla. Għall-ewwel, l-Ammiraljat deher li kien inklinat li jiżviluppa din it-tieni daħla, tant li fl-1840 kien beda jieħu taħt idejh il-moll magħruf bħala "tal-Franċiżi". Iżda wara ftit biddel l-idea għax fl-1842 l-Ammiraljat Ingliż beda jesproprija proprjetà fix-xatt ta' Bormla ħalli jakkwista l-ispazji neċessarji biex jibni dan il-baċir. Dan wassal biex saru ħafna protesti min-nies tal-Kottonera (Bormla, il-Birgu u l-Isla), speċjalment dawk ta' Bormla għax raw li b'din il-manuvra Bormla kienet ser titlef l-uniku żbokk li kellha għall-baħar. Dan kien ifisser li n-nies kienu fehmu tajjeb li dan il-baċir il-ġdid kellu jkun ferm ikbar minn dak imfassal fl-1811, għax dak in-nhar ma kienet saret l-ebda protesta kontra dan il-baċir, anki jekk forsi s-sitwazzjoni fil-gżira matul l-ewwel deċennju tas-seklu dsatax ma tantx għenet ħalli jkun hawn protesta jew petizzjonijiet. Fl-1843 ġiet imqiegħda l-ewwel ġebla ta' dan il-baċir, u x-xogħol baqa' sejjer għal ħames snin sħaħ. Il-baċir ġie inawgurat fl-1848 u sar magħruf bħala Dock No. 1, għax kien l-ewwel *dock* li nbena f'Malta.

B'ħarsa lejn id-daqs tiegħu, wieħed jinduna li għal żmienu kien wieħed mill-ikbar baċiri li kien hawn fil-Mediterran. Kien twil 310 piedi u fond 25-il pied. Il-wisa' tiegħu kien ta' 82 pied. Biss dan il-kobor xorta waħda ma kienx biżżejjed biex jilqa' fih il-vapuri l-ġodda li bdew jinbnew fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Il-Gwerra tal-Krimea (1854) wriet lill-Ammiraljat li dan il-baċir, allavolja kien wieħed ġdid, ma kienx kbir biżżejjed biex jilqa' fih bastimenti tal-gwerra ġodda bħalma kien il-vapur tat-trasport *Himalaya*, per eżempju. Fuq kollox baċir wieħed biss ma kienx biżżejjed għaż-żieda tal-vapuri fil-port. Matul il-gwerra tal-Krimea, per eżempju, f'Mejju biss tas-sena 1854 daħlu fil-port mhux inqas minn 74 vapur. Dan kien ifisser li kien hemm bżonn ta' *dock* ieħor. Is-soluzzjoni nstabet billi d-Dock No. 1 jiġi mkabbar u jittella' għat-tul ta' 564 pied u l-wisa' tkabbar għal 40 pied. Fl-istess ħin, kienet saret diviżjoni interna biex jekk ikun hemm bżonn, dan jinqasam fi tnejn. L-estensjoni nbdiet fl-1856 u spiċċat fil-1857. F'din it-tieni estensjoni kellhom jieħdu aktar spazju miċ-ċentru urban ta' Bormla, u bdiet tissejjaħ Dock No. 2 jew *"Inner Dock"*.

Jidher li dan it-tkabbir xorta waħda ma kienx biżżejjed, u mill-ewwel bdiet tintwera x-xewqa li t-tarzna tkompli tikber. Hekk fl-1862 kienet saret proposta biex dan id-Dock No. 1 ikompli jitkabbar u jibqa' dieħel sa taħt il-knisja ta' Santa Tereża – jiġifieri t-tkabbir tiegħu ma jibqax wieħed biss bħalma kien s'issa, u jsir fid-direzzjoni taċ-ċentru urban ta' Bormla iżda anki jieħu aktar mill-kosta jew ix-xatt ta' din il-belt.

Bil-ftuħ tal-Kanal ta' Swejz fl-1869, ix-xogħol tal-baħar żdied u t-tarzna ta' Malta gawdiet minn din il-ħidma. Ix-xogħol għat-tarzna kompla jikber minħabba l-iżviluppi politiċi li bdew iseħħu fl-Ewropa, in partikolari l-unifikazzjoni ta' l-Italja li qiegħdet lil din l-industrija aktar fl-attenzjoni ta' l-Ammiraljat Ingliż. Aktar tard, l-Ingilterra żiedet il-preżenza marittima tagħha fil-Mediterran. Biex bħallikieku jilqgħu għal dan it-tibdil kollu fl-1864, saru l-pjanti għall-bini ta' baċir ġdid ieħor. Din id-darba, l-għażla waqgħet fuq id-daħla ta' wara l-Isla, viċin il-post fejn darba l-Gran Mastru De Rohan kien ried jibni l-ewwel baċir modern f'Malta. Ix-xogħol fuq dan il-baċir il-ġdid dam sejjer sa l-1871, u minħabba li l-baċir l-ieħor kien magħruf bħala No. 1 u No. 2, dan il-baċir il-ġdid ġie mogħti l-isem ta' *Somerset Dock* jew aħjar Dock No. 3. Dan il-dokk il-ġdid kien ferm itwal minn dak li kien hemm f'Bormla. Kien fih 538 pied tul u 82 pied wisa'. Dan id-dock ma damx wisq bħala l-aħħar wieħed għax ftit wara li tlesta ntwera l-ħsieb li jinbena ieħor ġdid minħabba li t-tarzna xorta waħda ma baqgħetx tlaħħaq max-xogħol fuq it-tiswijiet tal-vapuri. Fuq kollox, il-vapuri l-ġodda ta' l-i*steam* kienu kbar, bir-riżultat li tneħħiet id-diviżjoni

li kienet saret fl-ewwel *dock* biex b'hekk dan seta jibda jintuża għat-tiswijiet ta' vapur wieħed biss (u mhux tnejn f'daqqa bħalma kien jiġri qabel). B'hekk il-kapaċità fiżika tat-tarzna kienet tnaqqset b'*dock*.

Ix-xogħol fuq ir-raba' baċir (li ismu sar Dock No. 2) inbeda fl-1890 u tlesta fl-1892. Il-post magħżul għal dan ir-raba' *dock* kien eżattament taħt il-knisja ta' l-Isla, u maġenb id-Dock No. 3. Hu ġie msemmi *Hamilton Dock* għax jinsab mal-moll li jġib l-istess isem. Dan id-*dock* hu twil 472 u wiesa' 58 pied.

Għall-kuntrarju ta' dak li kien seħħ fi żmien il-Kavallieri, l-Ingliżi ma xtaqux li jkollhom tarzna frammentata, magħmula minn ħafna sezzjonijiet, iżda riedu waħda unita u din l-unità ma kellhiex tkun biss amministrattiva iżda wkoll fiżika. Għalhekk allavolja Dock No. 1 u Dock No. 3 kienu jinsabu f'żewġ daħliet differenti tal-port, (jiġifieri waħda fid-daħla ta' Bormla u l-oħra fid-Daħla tal-Franċiżi) iddeċidew li jitħaffru żewġ mini biex tinħoloq triq taħt l-art ħalli dawn iż-żewġ tarznari (dik ta' Bormla u l-oħra ta' l-Isla) isiru fiżikament waħda. Ix-xogħol fuq l-ewwel mina nbeda fl-1865, waqt li dak fuq it-tieni waħda – magħrufa bħala ċ-Church Tunnel tlesta fis-sena ta' wara. Kien għalhekk ukoll li meta ġew biex jibnu t-tielet *dock*, (li hu magħruf bħala Dock No. 2) dan inbena maġenb Dock No. 3.

Din iż-żieda tar-raba' dock ma kinetx biżżejjed, għax hekk kif qaleb is-seklu l-Ammiraljat Ingliż beda jaħseb biex jibni żewġ baċiri ikbar, maħsuba biex fihom ikunu jistgħu jibdew jidħlu għat-tiswija l-klassi ġdida ta' vapuri tal-gwerra magħrufa bħala *dreadnoughts*. Dan kien xogħol kbir li l-Ingliżi riedu jispiċċawh malajr, minħabba l-ġirja li kienu daħlu fiha fil-kompetizzjoni li kellhom mal-Ġermanja. Dan il-bini wassal biex jitwaqqgħu strutturi importanti barokki, fosthom fortifikazzjoni fid-daħla tal-belt ta' Bormla, kappella tas-seklu tmintax u villa. Iżda ma damux ma feġġew il-problemi. Il-post kien eżatt fejn De Rohan, 'il fuq minn mitt sena qabel, ried jibni l-ewwel baċir u bħalma kien ġara dak in-nhar reġa' ġralhom l-Ingliżi issa – sabu quddiemhom problemi kbar ta' ilma jnixxi mill-blat.

Ix-xogħol fuq dawn iż-żewġ baċiri ġodda nbeda fl-1902 taħt id-direzzjoni ta' l-inġinier Ingliż E. Pearson u tlesta fl-1906. L-ewwel baċir, dak magħruf bħala no. 4, kien twil 790 pied (mill-qiegħ) u wiesa' 95 pied, waqt li l-baċir no. 5, kien twil 550 pied (mill-qiegħ) u wiesa' 95 pied. Ħdejn il-baċir no. 5 nbniet l-hekk imsejħa *factory* jew il-maħżen tax-xogħol mimli magni ta' l-inġinerija, u kien anki jospita fih il-funderija.

Il-kobor tat-tarzna u l-fatt li kienet tinsab f'żoni differenti wassal, kif ġa rajna, biex jinbnew mini taħt l-art, iżda wkoll biex tkun introdotta l-

ferrovija ħalli, permezz ta' lokomotivi u l-użu tal-linji tal-ferrovija, il-materjal tal-ħadid tqil assoċjat ma' l-industrija tal-bini u t-tiswijiet tal-vapuri jkun jista' jinġarr minn post għal ieħor mingħajr ħafna problemi. Hekk, per eżempju, fil-bini tad-Dock No. 4 u 5 intużat il-lokomotiva minn Pearson, waqt li fit-tarzna ddaħħlet il-ferrovija b'mod permanenti fl-1906. Illum din ma għadhiex tinuża iżda l-linji tal-ferrovija għadhom jidhru sal-lum.

Il-bini ta' baċiri ġodda ma kienx l-uniku proġett kbir li seħħ f'Malta mat-tibdil tas-seklu. Proġett kbir ieħor kien il-bini tal-*breakwater* fid-daħla tal-Port il-Kbir li l-bini attwali tiegħu nbeda fl-1903. Dawn iż-żewġ ħitan fil-baħar kienu saru biex titkabbar il-kapacità tal-port. B'hekk il-port seta' jieħu aktar vapuri waqt li jħares lil dawn l-istess vapuri kontra l-grigalati. Għalhekk, biex l-Ingliżi setgħu jlaħħqu ma' dawn il-proġetti kollha kienu anki ġabu ħaddiema Spanjoli u Taljani biex jaħdmu f'Malta.

## It-Tarznari Privati fi Żmien l-Ingliżi

Dan l-iżvilupp kollu ta' baċiri wassal biex ikunu affettwati t-tarznari privati f'Malta. Matul il-ħakma Ingliża, l-iskallijiet privati bdew bil-mod il-mod jinqatgħu, jew aħjar jinqatlu, anki jekk dan it-tmiem seħħ bil-mod u fuq skali differenti. Din l-istqarrija qed issir, kif jgħidu l-Ingliżi, *with the benefit of hindsight*, minħabba l-fatt li l-kummerċ iġġenerat mill-Ingliżi kien kbir ħafna, u ċerti ġrajjiet li seħħew fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax, bħalma kienet il-gwerra ta' l-Indipendenza Griega u l-battalja ta' Navarino (1827), ġabu magħhom żieda fil-kummerċ marittimu. Għalhekk fil-bidu l-mollijiet privati bdew jiżdiedu f'Malta, u ż-żona taħt Kordin (jiġifieri dik ix-xaqliba tal-port li ma ratx żvilupp fi żmien il-Kavallieri) bdiet tesperjenza tiġdid marittimu. Iżda l-Gvern kolonjali beda juri l-interessi tiegħu u daħal jikkompeti mal-privat Malti, li miegħu dan ma setax ilaħħaq. Hekk hu beda jixtri l-artijiet f'din ix-xaqliba. Sa l-1840 kienu nbnew mill-gvern kolonjali ħames imħażen għall-faħam, moll ġdid u żewġ mollijiet ħerġin fil-baħar ġewwa Kordin.

L-ewwel ma ħadu d-daqqa tal-mewt kienu l-iskallijiet li kien hemm f'Bormla. Dawn kellhom jagħlqu minħabba li l-post eventwalment ittieħed mill-Ammiraljat Ingliż, kif ġa rajna għall-bini ta' l-ewwel baċir f'Malta. Dawk li kienu jinsabu wara l-Isla, fid-Daħla tal-Franċiżi, bdew jitilfu l-vijabilità. L-introduzzjoni ta' l-i*steam* fil-bidu tas-seklu dsatax u aktar tard id-dħul tal-bini tal-vapuri tal-ħadid għamiluha kważi impossibli lil dawn l-industriji ta' artiġjanat lokali li kienu jispeċjalizzaw fil-bini ta' dgħajjes ta' l-injam biex ikomplu. Anki jekk il-bini ta' skejjen mill-injam baqa' b'saħħtu fil-Mediterran sal-bidu tas-seklu għoxrin, il-preżenza kolonjali f'Malta wasslet għall-mewt bikrija ta' din is-sengħa, ħlief għall-bini ta'

dgħajjes żgħar u xi dgħajsa tal-ġarr tal-merkanzija bejn iż-żewġ gżejjer – imsejħa appuntu d-Dgħajsa tal-Latini. Hekk il-ħafna ħwienet tas-sengħa wara l-Isla ġew mitluba jagħlqu jew iwarrbu, u dawn spiċċaw għalkollox sas-sena 1858. Meta kien qed isir dan l-għeluq, sar tentattov biex titwaqqaf kumpanija ta' *drydock* merkantili minn sidien Britanniċi f'Malta. Il-kumpanija ġiet irreġistrata f'Malta f'Ottubru 1855 u d-*dock* tagħha nbena ġewwa Kordin. Iżda din il-kumpanija wkoll ma setax ikollha ħajja twila għax il-Gvern Kolonjali ma damx ma beda jakkwista propjetà f'din iż-żona għall-użu mill-Ammiraljat.

Hekk, fl-1860 kien imiss l-iskalijiet li kienu nbnew taħt Kordin, jiġifieri faċċata ta' dawn il-mollijiet li kien hemm fl-Isla. F'dik is-sena, il-Gvern Imperjali xtara mingħand il-privat il-moll li kien magħruf bħala "ta' San Franġisk". Dan kien ifisser li l-Maltin li kellhom il-ħwienet tax-xogħol tagħhom f'dik it-taqsima, kif ukoll l-iskallijiet privati għall-bini u tiswijiet tal-bastimenti, kellhom jagħlqu. L-iskallijiet privati ma kienx fadlilhom wisq ħajja. Wieħed mill-aħħar bastimenti li saru f'Malta, kien fl-1863, u nbena fil-baċiri ta' taħt l-Isla mid-ditta ta' Gregorju Mirabitur u kien jiżen 1,108 tunellati. Dan il-bastiment bl-isem *Malta* kien iddestinat biex jivvjaġġa f'ibħra miftuħa, għall-ġarr ta' merkanzija bejn l-Amerika u l-Ewropa. B'hekk ingħalaq kapitlu ta' akkwist ta' proprjetà mill-Gvern kolonjali fit-taqsima ta' Kordin, li dam sejjer bejn l-1859 u l-1874. Wara li l-Ammiraljat kien irnexxielu jakkwista l-arja kollha tad-Daħla tal-Franċiżi, il-kumpaniji lokali li kienu jaħdmu fil-qasam tal-bini tal-bastimenti u dgħajjes kbar ma kienx baqgħalhom triq oħra ħlief li jittrasferixxu l-operat tagħhom f'żona oħra tal-port, jiġifieri f'dik l-arja magħrufa bħala l-Marsa. Din tinsab fl-aktar daħla 'l ġewwa tal-Port il-Kbir. Minħabba dawn l-iżviluppi ġodda, din iż-żona saret magħrufa mal-Maltin bħala Portu Novu, li hija varjazzjoni lingwistika tal-kelma Taljana *Porto Nuovo* jew il-Port il-Ġdid. Dan il-bini ta' port ġdid ġab miegħu wkoll il-ftuħ ta' tarzna privata oħra f'din iż-żona, minn wieħed Zammit. Din it-tarzna baqgħet taħdem, tajjeb jew ħażin, sal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Dan il-port ġdid jista' jitqies bħala wieħed mill-akbar proġetti li għamlu l-Ingliżi f'Malta fis-seklu dsatax. Dominic Fenech ra f'dan il-proġett diżlokazzjoni urbana minħabba l-fatt li, sakemm it-tarznari privati kienu għadhom taħt l-Isla, f'din il-belt kellek l-akbar konċentrazzjoni ta' nies li jaqilgħu ħobżhom, b'mod dirett jew indirett, mill-flotta kummerċjali. Min-naħa l-oħra, il-belt ta' quddiem l-Isla, jiġifieri l-Birgu, u xi ftit anki Bormla, l-abitanti tagħhom kienu aktar mixħuta fuq xogħol mal-flotta militari jew merkantili Ingliża. Minħabba l-ispostament tat-tarznari u l-flotta merkantili lejn il-Marsa, din id-differenza kemxejn netta f'dan it-tessut urban tal-port

il-kbir spiċċat. L-Isla tilfet dan il-primat fil-kwalità ta' l-abitanti tagħha, bil-konsegwenza li tibda tkun hija wkoll aktar imfittxija bħala post ta' abitazzjoni minn dawk il-ħaddiema li kienu jgħixu b'mod dirett jew indirett min-*Navy* Ingliża, u dan kien jinkludi ħaddiema fit-tarzna ta' l-ammiraljat. (Fenech: 136–149)

Hekk kif l-ispazju għal tarznari privati beda jonqos, xi intraprendituri ppruvaw jirkupraw din is-sitwazzjoni billi jinvestu fi *floating docks*. Iżda dan l-iżvilupp ma sarx minn Maltin, għax ħadd f'Malta ma kellu f'dak iż-żmien il-kapital neċessarju biex jidħol għal intrapriża bħal din. L-investituri kienu Britanniċi u kienu jafu li l-Ammiraljat kien ser ikollu bżonn din it-teknoloġija ġdida li huma kienu qed jimpurtaw ġo Malta. Hawn wieħed irid ifakkar li l-Maltin qatt ma ngħataw postijiet jew gradi għolja fit-tarzna. Dawn kienu riservati biss għal sudditti li kienu ġejjin mir-Renju Unit. Iċ-ċans ta' l-investituri Maltin li jieħdu kuntratti diretti fit-tarza ta' l-Ingliżi kien limitat għall-aħħar.

Dawn l-investituri Ingliżi ħasbu biex ikollhom f'Malta *Hydraulic Dock*, jew aħjar *floating dock* għat-tiswijiet tal-vapuri, kemm dawk tal-militar kif ukoll oħrajn merkantili. Dan il-*hydaulic dock* inħadem fl-Ingilterra u wasal f'Malta fl-1871. Ħa sentejn biex jiġi mmuntat. Huwa kellu t-tul ta' 360 pied, kien wiesa' 60 pied u fond 8 piedi. It-tunnellaġġ totali ta' dan il-baċir kien ta' 1,100 tunnellata. Dan il-*hydraulic dock tqiegħed fil-port ta' Marsamxett, fil-post li jissejjaħ l-Imsida. Il-bini ta' Docks No. 4 u 5 jidher li taw id-daqqa tal-mewt lil dan id-dock* għax il-kumpanija għalqet l-operazzjonijiet tagħha fl-1903.

## Is-Seklu Għoxrin

Wieħed jista' jgħid li l-ewwel snin tas-seklu għoxrin kienu snin ta' ħafna xogħol għat-tarzna. Bejn l-1901 u l-1911, il-popolazzjoni ta' Malta żdiedet minn 184,742 għal 211,564. It-tarzna wkoll kibret matul dan il-perjodu. Hekk fl-1880, it-tarzna kienet tħaddem madwar elf ruħ. Fl-1900, it-tarzna rat żieda kbira u telgħet għal ħamest elef ruħ. Ma' dan wieħed irid iżid madwar 5000 ruħ oħra li kienu jaħdmu fit-tarzna b'mod indirett, impjegati ta' kuntratturi li kienu jingħataw jew jirbħu kuntratti ma' din l-industrija. Din iż-żieda fit-tarzna kienet dovuta għall-espansjoni militari Tedeska u s-sistema ta' alleanzi li ġiet ikkreata, meta fl-istess żmien il-Gran Brittanja kienet tħaddem il-politika ta' l-hekk imsejħa *Splendid Isolation*. Meta din is-sistema waqgħat bl-iffirmar ta' l-*Entente Cordial* ma' Franza (1904) u aktar tard bil-ħolqien tat-*Triple Entente* fl-1907, l-Ingilterra bidlet il-politika navali tagħha u wasslet biex ċediet l-ħarsien

tal-Mediterran lil Franza waqt li l-flotta tagħha bdiet topera fl-Atlantiku. Din il-politika internazzjonali ġdida wasslet għal dipressjoni ekonomika kbira f'Malta, bir-riżultat li l-perjodu bejn l-1904 u l-1914 kien wieħed mill-agħar għat-tarzna. Kienet biss il-Gwerra l-Kbira li reġgħet ġabet l-espansjoni tax-xogħol fit-tarzna. Ix-xogħol kompla jiżdied matul din il-Gwerra. It-tarzna spiċċat tħaddem 14,600 ruħ, li kien ifisser li, bejn l-1914 u 1918, it-tarzna kienet żiedet il-*workforce* tagħha bi 3,400 ruħ oħra.

Kien ukoll matul dan il-perjodu ta' l-Ewwel Gwerra li Malta rat żviluppi ġodda f'dik li hija l-industrija tat-tarznari waqt li l-effetti ta' din il-gwerra ma damux ma bdew jinħassu anki f'pajjiżna. Hekk matul iż-żmien ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija ġiet żviluppata tarzna oħra f'Malta, fil-post magħruf bħala Kalafrana, fil-port ta' Birżebbuġa, għat-tiswija tas-*sea planes* li bdew jintużaw f'Malta wara l-1916 biex jikkombattu lill-*U-boats* Ġermaniżi.

It-tmiem tal-Gwerra ġab f'Malta żviluppi ġodda għat-tarzna f'dik li hija mekkanika. Dock No. 1 ġie mmodernizzat u għal darba oħra mkabbar fl-1921. Fl-1923 inġieb *floating dock* waqt li fis-sena 1927 inġieb *floating crane* fit-tarzna. Fi kliem ieħor, l-ammiraljat Britanniku beda jipprova jagħmel it-tarzna aktar mobbli. Bid-differenza li, waqt li l-*floating crane* kien maħsub għat-tarzna, il-wasla tal-*floating dock* trid tkun inkorporata fil-ġrajjiet ta' tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija. Infatti din l-infrastruttura kienet tagħmel parti mill-indennità li l-Ġermanja kellha tħallas tal-gwerra. Dan kien inġieb f'ħames biċċiet u mbagħad ġie mmuntat hawn Malta. Dan id-*dock* kien twil, minn tarf sa tarf, 885 pied u wiesa', minn ħajt sa ħajt, 140 pied. Hu baqa' jintuża sal-bidu tat-tieni gwerra dinjija, meta minfloku kien inġieb ieħor minn Singapore. Magħhom, wieħed irid iżid il-ftuħ tat-Torpedo Depot fl-Imsida, fil-post fejn sa l-1903 kien hemm il-moll tal-*floating dock*. It-Torpedo Depot kien maħsub biex iservi bħala tarzna żgħira għall-manutenzjoni tas-sottomarini u l-ħażna tat-*torpedos*.

Iżda t-tmiem ta' l-Ewwel Gwerra Kbira ġab miegħu l-għaks f'Malta. Ħafna ħaddiema bdew jieħdu s-sensja minħabba li naqas ix-xogħol għat-tarzna, waqt li oħrajn spiċċaw bil-ġimgħa mnaqqsa. Kien f'din atmosfera li ġot-tarzna bdiet tittieħed bis-serjatà l-organizzazzjoni tal-ħaddiema f'moviment trejdjunjonistiku. L-ewwel movimenti ta' *Unions* fit-tarzna jmorru għal qabel l-Ewwel Gwerra, iżda dawn kienu iżolati u bla ebda appoġġ. Il-moviment kiber ftit wara t-tmiem tal-gwerra u anki ra jikber fi ħdanu partit politiku, dak magħruf bħala l-Partit tal-Ħaddiema. Matul l-1917 bdew ifaqqgħu l-ewwel strajks serji fit-tarzna. Kien matul dan il-perjodu li, waqt diskors li kien sar

ġo l-Università minn Dockyard Superintendent Rear Admiral Ballard, li kien ħa r-responsabilità biex isolvi din il-problema ta' aġitazzjoni trejdunjonistika fit-tarzna, intqal li hemm il-ħsieb li titwaqqaf tarzna kummerċjali fix-xatt ta' Marsamxett wara tmiem il-gwerra.

Biss matul il-perjodu ta' bejn iż-żewġ gwerer il-*unions* Maltin fit-tarzna ma kellhomx saħħa kbira. Il-ħaddiema f'dan il-perjodu batew mill-*Great Depression*. Ħafna kellhom iħallu l-gżira biex jemigraw lejn pajjiżi 'l bogħod bħal l-Awstralja jew l-Amerika. Il-wasla tad-dittatur Nażista, Adolf Hitler, kif ukoll il-kriżi ta' l-Abbisinja wasslu għal tibdil fis-sitwazzjon għax l-Ammiraljat jerġa' jibda jagħti importanza lil Malta u magħha jerġa' jibda jiżdied in-numru ta' ħaddiema fit-tarzna. It-Tieni Gwerra Dinjija ġabet mill-ġdid it-tarzna fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni. Franza waqgħet fil-1940, waqt li fl-istess żmien l-Italja daħlet fil-gwerra. B'hekk il-Mediterran spiċċa wkoll f'dan ix-xenarju ta' ġlied. Quddiem dan kollu, l-Ingliżi neħħew kull dubju li seta' qatt kellhom dwar l-importanza ta' Malta f'din il-gwerra. Il-gżira saret bħal *aircraft carrier* tal-Mediterran. It-tarzna kienet wieħed miċ-ċentri importanti f'din il-ġlieda kontra d-dittaturi Nażista u Faxxista, tant li ż-żona storika tal-port spiċċat waħda mill-aktar żoni bbombardjati mill-Assi matul it-Tieni Gwerra Dinjija fl-Ewropa.

Meta l-gwerra spiċċat, il-baċiri kellhom ħsarat kbar u għalhekk ġie maħsub li jinġiebu *floating docks* ġodda. Għalhekk kienu nxtraw tlieta li saru magħrufa bħala AFD 35, 22 and 26. L-AFD 35 kien l-ikbar wieħed u għalhekk spiċċa l-aktar wieħed użat mid-Dockyard. L-AFD 35 ġie mibni fl-1946 mill-kumpanija ta' Braithwaith Burn u Jessop Construction Co ta' Bombay. Dan wasal Malta fl-1948 u kien inġieb f'żewġ biċċiet. AFD 35 kien iħaddem madwar 200 ħaddiem minbarra 76 chargemen u ħaddiema ta' l-id



*Vue générale du Dock 1, Bormla (© S. Mercieca).*

oħra, flimkien ma' 9 ħaddiema Ingliżi. Dawn il-*floating docks*, in partikolari AFD 35, kellhom ukoll użu partikolari minħabba li fis-sittinijiet kien ġie deċiż li l-baċir 4 u 5 jiġu mkabbra. Sakemm sar dan it-tkabbir AFD 35 assorba ħafna mix-xogħol li kien fid-docks.

Iżda l-ikbar preokkupazzjoni fit-tarzna wara t-Tieni Gwerra Dinjija ma kinitx id-*docks* iżda kif din l-industrija kbira setgħet titħaddem bi qligħ. Is-sitwazzjoni għall-ħaddiema tat-tarzna ma kinetx waħda sabiħa. Anki jekk Malta kient fost ir-rebbieħa ta' din il-gwerra, u l-ħaddiema tat-tarzna kienu sfidaw, b'riskju ta' ħajjithom, il-bombi ta' l-għadu biex isewwu l-vapuri, il-Gran Brittanja ma kellhiex futur x'toffri lil dawn il-ħaddiema. Il-gwerra ġabet magħha wkoll it-tmiem ta' l-Ingilterra bħala imperu u dan kien ifisser ukoll żmien diffiċli għat-tarzna. It-Tieni Gwerra Dinjija ġabet l-ingaġġ ta' ħafna ħaddiema li ma' tmiem il-gwerra ma kienx baqa' post għalihom. L-Ammiraljat ried jibda jħaddem it-tarzna b'mod vijabbli u bi profitt. Malli bdiet tissemma t-tkeċċija jew aħjar is-sensji tal-ħaddiema mit-tarzna, qam ferment sħiħ f'din l-industrija. Din id-darba l-ħaddiema kellhom warajhom għaqda aktar b'saħħitha milli kellhom ħuthom ta' qabilhom wara tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija, bil-preżenza ta' *union* ġdida li bdiet iġġib l-isem tal-General Workers Union. Kienet din l-għaqda li żammet il-gvern Ingliż milli jagħti s-sensji u jżomm il-ħaddiema kollha fuq il-kotba tat-tarzna. Hekk sa l-1957 l-għadd ta' ħaddiema li jaħdmu fit-tarzna kien ta' 12,572, iżda din kienet l-aħħar sena li l-Ingliżi dehru lesti jibqgħu jissussidjaw lit-tarzna għax f'din is-sena partikolari kienu ħarġu bi pjan biex jaqsmu lil din l-industrija fi tnejn, dik privata u l-oħra li tibqa' ta' l-Ammiraljat.

Fl-1958, il-Colonial Office ħabbar li t-Tarzna ta' Malta kienet għaddiet f'idejn il-kumpanija privata ta' Bailey, kif fil-fatt ġara fis-sena ta' wara. Kien biss xahar qabel ma Bailey ħa t-Tarzna li l-Ammiraljat ta s-sensja lil 6,000 ħaddiem tad-*dockyard*. Dan qajjem ferment sħiħ fost il-ħaddiema minħabba li Bailey kien wiegħed li jżomm il-ħaddiema kollha. Infatti, Bailey pprova jżomm kelmtu u dawn is-sitt elef ħaddiem ġew inkorporati f'Bailey Malta Ltd. Iżda ftit qabel l-Independenza li ġiet fl-1964, sewwasew fis-sena 1963, l-Ingliżi tterminaw il-kuntratt ta' Bailey minħabba r-rapport li l-awditur J. R. Muirie kien għamel fuq l-operat ta' din il-kumpanija, speċjalment minħabba irregularitajiet fil-*management* finanzjarju li l-awditur kien qal li sab. Għalhekk, il-gvern Ingliż beda ifittex li jgħaddi it-Tarzna lil xi kumpanja oħra fosthom lil Swan Hunter and Wigham Richardson. Dan il-proġett ma seħħx u minflok ġiet ikkreata kumpanija ġdida, dik tal-*Malta Drydocks*. Fl-1968, it-Tarzna ta' Malta ġiet nazzjonalizzata, waqt li Messrs. Swan Hunter and Wigham Richardson baqgħu bħala *Managing Agents* tat-Tarzna ta' Malta sal-1971.

F'dik is-sena, it-tarzna ġiet mibdula f'korporazzjoni. Fl-1975, it-tarzna ta' Malta kellha bidla oħra importanti. Il-Kunsill tagħha beda jiġi elett kollu mill-ħaddiema. It-Tarzna saret intrapriża li kienet immexxija kompletament permezz tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema. Kull dipartiment tat-Tarzna beda jiġi mmexxi minn kumitat ta' ħaddiema u kull kumitat kien ukoll elett mill-ħaddiema tat-taqsima rispettiva.

Min-naħa l-oħra, matul dawn is-snin ta' taqlib għat-tarzna saru xogħlijiet importanti oħra f'dik li hija infrastruttura. Fl-1950 twessgħu l-baċiri nru 4 u 5. Fl-1965 inbena *Tank Cleaning Farm* fil-fortizza ta' Rikażli f'Bighi biex il-vapuri li jkunu qed iġorru ż-żejt jistgħu jiġu mnaddfa qabel jidħlu fil-port għat-tiswija. Fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1966, infetħet tarzna oħra f'Manoel Island, imsejħa Manoel Island Shipyard li tispeċjalizza fit-tiswijiet u l-bini tal-jottijiet u d-dgħajjes.

Dawn il-faċilitajiet kollha, kif ukoll kull tip ta' xogħol li kien isir fit-tarzna, kienu jirrikjedu taħriġ professjonali qawwi. Għalhekk, minn kmieni nħass il-bżonn li t-tarzna f'Malta jkollha l-iskola tagħha. L-ewwel skola nfetħet fl-1858, iżda din ma kinetx skola ta' taħriġ iżda waħda biex toffri servizzi edukattivi lit-itfal subien u bniet li missirijiethom kienu jaħdmu fit-tarzna. Il-bidu ta' skola proprja tat-tarzna fejn ikun offrut taħriġ professjonali lill-apprentisti taf l-oriġini tagħha għall-bidu tas-seklu 20, meta bini ġewwa din l-industrija beda jintuża għal dan l-iskop. Kienet l-unika skola f'Malta fejn għal ħafna snin kien isir it-tagħlim ta' l-inġinerija u t-teknika mekkanika. Din l-iskola ngħalqet hekk kif it-tarzna ttieħdet mill-privat (Bailey). L-iskola ma kinetx l-unika struttura professjonali li wieħed kien isib f'din l-industrija. In-numru kbir ta' ħaddiema li kienet tħaddem, u l-periklu ta' xogħol li dawn kienu jaħdmu fih, wassal biex fit-tarzna tinfetaħ anki spiżerija.

Wieħed jista' jikkonkludi li l-perjodu tat-tarzna amministrata mill-Ammiraljat kien wieħed li matulu sar kull xorta ta' xogħol fuq il-vapuri, mill-konverżjonijiet ta' vapuri li kienu jaħdmu bil-faħam biex saru jaħdmu biż-żejt, l-immodernizzar ta' armamenti ta' fuq il-vapuri tal-gwerra, il-bdil u l-qlib ta' *destroyers f'mine* layers jew biex jagħmluhom *frigates* u kull xorta ta' xogħol ieħor. Saħansitra fis-sena 1883, ġie mibni vapur kollu f'Malta – *HMS Melita*. Dan kellu jkun l-uniku vapur, mibni mill-ħadid u l-azzar, li qatt inbena f'Malta matul il-perjodu kolonjali. Ix-xogħol tlesta fl-1888 iżda kien instab li kien qam wieħed minn ħamsa aktar milli kieku kien sar fl-Ingilterra. Għalhekk kull tentattiv ieħor ta' bini ta' vapuri twarrab sas-sebgħinijiet tas-seklu għoxrin meta ġie maħsub li tinbeda tarzna ġdida f'Malta li taħseb għall-bini tal-vapuri.

Il-bini tal-vapuri baqa' bħal xewqa mhux mitmuma u fis-snin sebgħin kien hemm it-tentattiv biex l-ewwel jinbena baċir ġdid biex jilqa' fih is-*super-tankers* li riedu strutturi speċjali u kbar għalihom u mbagħad tinbena tarzna ġdida għall-bini tal-vapuri. L-ewwel ma sar kien il-bini ta' dan id-*dock* li nbeda fl-1975 bl-għajnuna teknika tal-Gvern Ċiniż li saħansitra kien bagħat ħaddiema u inġiniera Ċiniżi biex jgħinu lill-ħaddiema Maltin fil-bini ta' dan il-baċir. Dan il-baċir ġie msejjaħ Dock No. 6, waqt li ngħata l-isem uffiċjali ta' The China-Malta Friendship Dock jew aħjar ir-Red China Dock u x-xogħol fuqu kien spiċċa fl-1980.

It-tieni proġett inbeda fis-sena ta' wara. Għalhekk, fl-1976 ġiet imwaqqfa kumpanija ġdida, msejħa Malta Shipbuilding Co. Ltd. It-twaqqif ta' din il-kumpanija kien tentattiv biex Malta terġa' tibda tipparteċipa fl-industrija tal-bini tal-vapuri. Din il-kumpanija kellha kapital inizjali ta' 60 miljun dollaru Amerikan. Il-post għat-twaqqif ta' din il-kumpanija ġdida kien il-Marsa, u ma kienx jinsab wisq bogħod minn fejn kien hemm, snin qabel, l-iskall taż-Zammit Dock, li kien jagħmel parti mill-proġett ta' Portu Novu. Din it-tarzna ġdida bdiet tiffunzjona fl-1984 u bħala l-ewwel xogħlijiet ta' inġinerija tagħha kien hemm il-bini ta' żewġ *offshore supply vessels*, li ġew ikkommissjonati mill-Gvern Ċiniż fl-1986.

Waqt li t-tarznari Maltin għandhom storja glorjuża, inqas glorjuż jidher il-futur tagħhom. Bħalma ġralhom tarznari oħra fil-Mediterran u fl-Ewropa, dawk Maltin qegħdin fi proċess ta' ristrutturazzjoni biex tingħatalhom ħajja ġdida. F'din il-prospettiva wieħed jifhem aħjar is-siwi li għandu proġett bħan-*Navigation du Savoir* fi ħdan il-MEDA Heritage II programme, jiġifieri r-riċerka biex dawn il-postijiet li kibru fil-Mediterran minħabba l-gwerer li ħonqu lil dan il-baħar jingħatalhom skop ġdid fi żmien il-paċi. Il-kultura hija r-risposta f'waqtha għal din id-dilemma.

## Bibljografija


Bosio, G. Dell'Istoria della Sacra et Illustrissima Religione di S. Giovanni Gerosolimitano, Vol. 3. (Naples, 1684).

Bonnici J. and Cassar M., *The Malta Grand Harbour and its Dockyard* (Malta, 1994).

De Lucca, D. *Giovanni Battista Vertova : Diplomacy, Warfare and Military Engineering practice in Early Seventeenth-Century Malta*, (Malta, 2001).

Calleja. *L-Imsida.*

Ellul Galea, C., *L-Istorja tat-Tarzna*, (Malta, 1973).

Fenech, D. "Birgu during the British Period", *Birgu, A Maltese Maritime City*, Vol. II. Ed., L. Bugeja, M, Buhagiar, S. Fiorni, (Malta, 1993).

Fiorini, S. "Josep Callus and the *Cabela pro Constructionibus Galearum (1349)", De Triremibus Festchrift in honour of Joseph Muscat*, Ed. T. Cortis and T. Gambin, (Malta, 2005), 275–290.

Ganado, A. "The Representations of Birgu and Fort St. Angelo in Old Maps and Views", *Birgu, A Maltese Maritime City, Vol. II* ed., L. Bugeja, M, Buhagiar, S. Fiorni, (Malta, 1993), 547–592.

Ganado, A. *Valletta Citta Nuova: A Map History (1566–1600)*, (Malta, 2003).

Ghirlando, R. "Birgu – Birthplace of Malta's Techonological Society", Birgu, A Maltese Maritime City, Vol. II ed., L. Bugeja, M, Buhagiar, S. Fiorni, (Malta, 1993), 535 –546.

Griffiths, W. A., *A Brief Outline of the Foundation and Development of H M Naval Establishments at Malta*, (Malta, 1917).

Mallia-Milanes, V., "The Birgu Phase of Hospitaller History", Birgu, A Maltese Maritime City, Vol. II. Ed., L. Bugeja, M, Buhagiar, S. Fiorni, (Malta, 1993).

Muscat, J., "The Arsenals: 1530–1798", *Birgu, A Maltese Maritime City*, Vol. II. Ed., L. Bugeja, M, Buhagiar, S. Fiorni, (Malta, 1993).

Muscat, J. *The Birgu Galley Arsenal*, (Malta, 2001).

*Muscat, J. Maltese Ports (1400–1800)*, (Malta, 2002).

Muscat, J. *The Maltese Galley*, (Malta, 2000).

Muscat, J. *The Maltese Vaxxell*, (Malta, 2000).

Muscat, J. *The Maltese Tartana*, (Malta, 2005).

Quintano, A. *The Maltese-Hospitaller Sailing Ship Squadron 1701–1798*, (Malta, 2003).

*Report of the Royal Commision on the Finances, Economic Position and Judicial Procedure of Malta, (London, 1912).*

Wettinger, G., "The *Castrum Maris* and its Suburb of Birgu during the Middle Ages", *Birgu, A Maltese Maritime City*, Vol. II. Ed., L. Bugeja, M, Buhagiar, S. Fiorni, (Malta, 1993).

## Nota:

Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Joseph Muscat u lill-Professur Dominic Fenech talli bil-paċenzja kollha qraw dan it-test u anki tawni pariri siewja rigward l-istorja tat-tarznari f'Malta.